# Fil-Belt ta' Hollywood.

OPERETTA FI TLIET ATTI!
ADDATTATA GHALL-MALTI
MINN

CARMELO GALEA S.D.B.

AWTUR LI KITEB DRAMMI KBAR BHAL:
—— "L-EKU TA' DAQQA TA' HARTA"
"HOLMA TA' MISSJUNARJU"
"IL-BANDIERA MALTIJA"
U
"CLUB INKURUNATI BIL-WARD";

U

U LI QALEB GHALL-MALTI DRAMMI BHAL:
—— "IL-BOJJA TA' VENEZJA"
U
"IL-FESSUD TA' MAX LINDER".

Kopja
TA'
LINO CASSAR
27 ta' Settembru, 1952.

# FIL-BELT TA' HOLLYWOOD

OPERETTA FI 3 ATTI

TA'

M. CAGNACCI.

ADDATTATA GHALL-MALTI

MINN

CARMELO GALEA S.D.B.

(IL-VERSI HUMA ORIĠINALI)

## KELMTEJN FUQ XI PERSUNAĠĠI TA' L-OPERETTA

IL-PRESIDENT:- Tip ta' makkjettista Amerikan. Jekk l-Attur ma jkunx jinqala' ghall-kant jista' jaghmel il-ftit kant li ghandu reċitativ.

DIRETTUR:- Tip ta' bniedem fuq tieghu. Jekk l-Attur ma jkunx jinqala' ghall-kant il-parti tieghu kantabbli jista' jaghmilha haddiehor.

REGISTA:- Tip ta' bniedem nofsu rieqed. Den ta' spiss jitfixkel fid-diskors tieghu.

REMO:- Ghandu lehen irqiq ta' tenur iżda l-eta' tieghu ma tkunx iżjed minn 16-il-sena.

MASU:- Tip ta' ragel brillant. L-attur irid iqis hafna li jsostni tajjeb il-kant tieghu.

NANDINI:- Tip ta' tifel li mohhu mhux fil-ġid t a d-dinja. Il-vuċi tieghu trid tkun ta' mezzo soprano. M'ghandux iżjed minn 14-il-sena.

PIKENINK:- Tip ta' bniedem li jitkellem dejjem misterjuż. Irid ukoll isostni l-kant tieghu.

Proprieta' Riservata ta'
Carmelo Galea S.D.B.
8 ta' Settembru, 1952.

## XENARJU GHAT-TLIET ATTI TA' L-OPERETTA

Sala ta' l-istabbiliment ċinematografiku. Fin-nofs bieb li jagħti għall-pjazza ta' barra; bieb fuq ix-xellug u ieħor fuq il-lemin; fix-xena strumenti u dak li jinħtieġ biex jingibdu l-films, bħal magna, rifletturi, bubini, pellikoli, reklami ta' films imdendlin mal-ħitan u xi mejda u siġġijiet, eċċ.

Bħal ma hemm hawn fuq din ix-xena sservi għat-tliet atti iżda għat-Tielet Att isir xi tibdil żgħir. Dan it-tibdil jista' jinqara f'paġna 50.

```
ooooooooooooooooooooooooooooooooooooooooooo
 ooo                                    ooo
ooooo                                  ooooo
ooooooo                              ooooooo
ooooooooo                          ooooooooo
ooooooo                              ooooooo
ooooo                                  ooooo
 ooo                                    ooo
ooooooooooooooooooooooooooooooooooooooooooo
```

## KULL MA JINHTIEĠ GHALL-OPERETTA

### L-EWWEL ATT

Rifletturi u materjal elettriku bħal ngħidu aħna:-wire, lampi, eċċ; Bċejjeċ tal-ħobż; umbrella goffa ta' raħħal; portafoll; typewriter; karta bajda; ftit portafogli; 5 liri għad-Direttur u telegramm għar-Reġista. Tinħtieġ ukoll magna tal-films.

### IT-TIENI ATT

Ktieb ta' produzzjoni; cheques; typewriter; arloġġ għall-President; ktieb ieħor ta' produzzjoni g ħ a l Remo; daqq ta' qanpiena elettrika minn ġewwa; tuffieħa ta' belludja; xi erba' patatiet; ħoss ta ksur minn ġewwa; qaws u vleġeġ u rifletturi u magna tal-films.

### IT-TIELET ATT

Librett taċ-cheques; typewriter; arloġġ għall-President; revolver u suffara għal Pikenink; kaxxetta tal-landa; ktieb ta' produzzjoni għal Remo; ġlekk għal Masu li jkun ippreparat ġewwa; portafogli u 5 liri; fl-aħħarnett telegramm għal Carlo.

<u>DRAMATIS PERSONAE</u>

IL-PRESIDENT TA' L-"EXTRA FILM COMPANY".......................

ID-DIRETTUR MA' L-"EXTRA FILM COMPANY"........................

IR-REĠISTA, ..........................

REMO, OPERATUR FUQ IL-MAGNA, ..........................

MASU, BIDWI RAĦĦAL, ..........................

MANDINI, IBEN MASU, ..........................

PIKENINK, DETECTIVE, ..........................

GUIDO, IMPJEGAT MAL-KUMPANIJA, ..........................

CARLO, IMPJEGAT MAL-KUMPANIJA, ..........................

GIORGIO, IMPJEGAT MAL-KUMPANIJA, ..........................

Xi impjegati oħra u kom ta' kumparsi ċinematografiċi.

<u>TAJJEB LI TINNOTA</u>

Jekk wieħed ikun jixtieq fost il-kumparsi jista' jdaħħal <u>in-nisa</u>.

Iż-żmien tal-kummidja jiġifieri meta saret l-istorja ta' l-operetta jista' jkun <u>fi żminijietna</u>.



# FIL-BELT TA' HOLLYWOOD

## L-EWWEL ATT

### Xena I.

Kumparsi ċinematografiċi, operaturi, u mpjegati ta' l-istabbiliment jippassiġġaw fix-xena. Finnofs jinsabu wkoll Remo, Guido, Carlo u Giorgo.

KOR : X'inhu li jġeghelek tohlom ġmiel id-dinja?
Iċ-ċinema, iċ-ċinema!
Dak li jurik l-istorja ta' kull żmien...
Iċ-ċinema, iċ-ċinema!
Fuq liżar abjad kollu dija,
Bil-ġrajja tkun mimlija...
Tahrab minn taht ghajnejk,
Bhal mera illi ssahhrek bil-ġmiel taghha,
Illi turik kollox;
Taghmik u tisturdik!
Iċ-ċinema, iċ-ċinema, iċ-ċinema!

Rit.:- Ċinema, ċinema,
Ċinema hu int!
Illi fil-hajja taghna
Tghaddilna l-isbah żmien!
Ċinema, ċinema,
Ċinema hu int!
Kull fejn iddawwar wiċċek
Tarak kullimkien!

X'inhu li jġeghelek tghaddi siegha hieni?
Iċ-ċinema, iċ-ċinema!
Donnok q'ed tara belt tas-sharijiet...
Iċ-ċinema, iċ-ċinema!
Kemm hwejjeġ sbieh ta' fantasija...
Jghaddu bhal ġeġwiġija,
Tistordi thares biss,
Bhal min donnu q'ed jara dinja ġdida...
Ghaddej, dejjem ghaddej;
Tistenna x'inhu ġej!...

Rit.:- Ċinema, ċinema, eċċ, eċċ.

### Xena II.

Direttur, ta' qabel u wara ir-Reġista.

DIRETTUR : Ej! Ej, sinjuri! Hekk isir ix-xoghol fil-belt famuża ta' Hollywood? Il-belt maghrufa mid-dinja

kollha taċ-ċinema?!

REMO : Sur Direttur! Issa, din il-minuta għadna kif spiċċajna mill-provi!

DIRETTUR : Naf! Naf! Dejjem provi! Provi fil-għodu, f' nofs-in-nhar, fil-għaxija, u b'dan kollu għadna ma sviluppajniex tliet jardi pellikola. Heffa tinħtieġ... jinħtieġ illi nqumu fuq tagħna u nqumu żvelti!

GUIDO : Imma r-Reġista...

DIRETTUR : O! Il-maħbub Reġista tagħna!... Ma ngħidx li m'hux bravu u tal-qatgħa, imma m'għandux ħila jieħu ebda deċiżżjoni!... Intanttafu tgħiduli fejn hu? Fiċċuh u għidulu jiġi!
(Guido joħroġ u jerġa jidħol malajrflimkien ma r-Reġista.)
Iż-żmien għaddej u x-xogħol dejjem lura! Heffa tinħtieġ, heffa...

REĠISTA : (Jidħol ma Guido.) Hawn jien, sur Direttur! L-iskrivanija kienet fuqi... (Jikkoreġi r u ħ u għaliex spiss jitfixkel fil-kliem.) Ċioe, kont qiegħed nikteb fuq l-iskrivanija.

DIRETTUR : Tajjeb! Ix-xogħol kif inhu sejjer?

REĠISTA : Tajjeb!... Ħafna tajjeb! Xi ġimgħa oħra provi u naħseb...

DIRETTUR : Ġimgħa oħra provi?!!!

REĠISTA : Insomma! Ridt ngħid ġurnata oħra...

DIRETTUR : Ġurnata oħra?!!! Wara dan iż-żmien k o l l u għadna inqas dawwarna tliet jardi film! Heffa kbira tinħtieġ... Kulħadd ixammar, karamba! Id-dinja tistenna l-films joħorġu mill-belt ta' Hollywood bħal ma jfaqqsu l-flieles t a ħ t it-tiġieġa!...

REĠISTA : Imma, sur Direttur! Dan huwa film ta' mportanza kbira u tinħtieġ attenzjoni...

DIRETTUR : Dan huwa veru u aktar minn veru! Xejn inqas u iżjed! L-istorja ta' William Tell! Film li sejjer jagħmel suċċessi kbar! Film illi għalih l-"Extra Film Company" ma qagħditx tibża għall-ispejjes. Anzi krejna dan il-post.BIEX ix-xeni neħduhom fuq il-veru. Imma issa, maħbub tiegħi Reġista, jinħtieġ nimxu bil-heffa. Ta' kull jum qegħdin jasluli lmenti kbar minn għand il-President tagħna. Huwa jinsab inkurlat għall-aħħar illi għad ma ħadniex inqas l-ewwel xena ta' din l-opra.

REĠISTA : Kollox affari taż-żmien... żmien!...

DIRETTUR : X'hin tahseb illi llum ghandu jiġi hawn?

REĠISTA : Min?

DIRETTUR : Min?! Mela mhux fuq il-President qeghdin nitkelmu?!!!

REĠISTA : Kaspitina! Illum ghandu jiġi hawn il-President?!!!

DIRETTUR : Mela x'inhu? Ghadu kemm wasal fil-b e l t ta' Hollywood bl-ajruplan u dalwaqtb narawh ma wiċċna; qal li jrid jara b'ghajnejh stess! (Idur fuq l-ohrajn.) Qeghdin tifhmu? Jekk jiġi u jsib illi s-somma tal-flus stabbilita ghal dan il-film ġa' ntefqet u ghadu ma sar xejn, jilliċenzjani, tifhmu? Nitlef l-impjieg u nkun bniedem irrovinat!

REĠISTA : Irrovinat! Iddisprat!... Kaspitina! Mela ma hemmx żmien x'wiehed jitlef!... (Idur fuq l-ohrajn.) Fhimtu lkoll, hux, sinjuri? Ghandu jiġi l-President!...

KULHADD : Il-President!

REĠISTA : Mela! Illum narawh hawn fl-istabbiliment biex jarana niġbdu xi xena mportanti. Jinhtieġ inkunu mhejjijin ghal kollox; u fuq kollox hfief u fuq taghna!

(Jerġa jirrepeti ruhu l-kant ta' l-ewwel xena. Dan jinstab f'paġna 5.)

(Wara li jispiċċa l-kant il-kumparsi johorġu l-koll mil-bieb tan-nofs.)

REĠISTA : O! Mument wiehed, sur Direttur! Jonqos il-hjar...

DIRETTUR : Xi hjar hu?

REĠISTA : Ridt nghid 'l-ahjar'! Ghad m'ghandniex il-Protagonista ta' ' William Tell'!

DIRETTUR : (Jidhak.) Il-protagonista huwa ġa' maghżul!

REĠISTA : Kif?! Jekk hadd s'issa ma ried jinkiteb biex jaghmel dik il-parti!...

DIRETTUR : Imma jien sibt wiehed u aċċetta minnufih li jaghmilha!

REĠISTA : Minnufih? U min hu dan?

DIRETTUR : Max Miller, wiehed Svizzeru; proprju dak illi jinhtieġ ghal William Tell ! Attur ġdid illi kelli x-xorti nsibu qabel isibuh ohrajn!

REĠISTA : Attur ġdid? Naħseb li hu bravu ħafna!

DIRETTUR : Kienet vera rivelazzjoni li sibtu. Imwieled artista, fotoġeniku, intelliġentissimu; sejjer ikun kewkba ġdida li ddawwal id-dinja kollha. Kif ngħidlek jien, sejjer ikun il-fortuna tagħna! Trid tara kemm feraħ il-President meta semmejtulu! Ried jikolni bil-bews!

REĠISTA : Inti ġa' ltqajt mal-President?

DIRETTUR : Da'ġgur! Iltqajt miegħu hekk kif wasal, u wassaltu sal-lukanda fejn qiegħed jistrieħ ftit mill-vjaġġ.

REĠISTA : X'burdata hu l-President?

DIRETTUR : Buli suwed!... Imma l-aħbar ta' Max Miller, il-Protagonista, neħħilu s-swied-il-qalb kollu. Qalli li llum għandu jiġi hawn u jġib il-biljetti tal-flus miegħu.

REĠISTA : Fhimtek! Il-biljetti!

DIRETTUR : Nirrikmandalek! Qis li tagħmel unur...

REĠISTA : Ħalli f'idejja!... Dan il-film sejjer ikun wieħed mill-kapolavuri!

DIRETTUR : Hekk mela! Ħalli jikkrepaw l-għedewwa tagħna!

REĠISTA : Għandna ħafna għajjurin għalina, imma sejrin ikollhom lezzjoni!...

DIRETTUR : Fittxew ħafna li jagħmlulna l-ħsara, iżda f'wiċċhom sejjer jibqa'.

REĠISTA : Kanalja!!

DIRETTUR : Dan huwa film li ħadd ħliefna m'għandu ħila jpoġġieh fuq l-iscrene.

REĠISTA : Ħadd!

DIRETTUR : Sejjer ikun veru trionf!

REĠISTA : Veru trionf!

DIRETTUR : Lil "Extra Film Company"! Hip hip hip! Hurrah!

REĠISTA : Hurrah!!!
(Jokorġu ferħana fil-waqt li l-orkestra jirrepetu l-motiv; "Ċinema, ċinema!")

## Xena III.

Remo, Guido, Carlo u Giorgio.

REMO : Malajr, hbieb! Smajtuha ta' l-ahhar? Dal-waqt jasal il-President; jinhtieg li nhejju l-magni u r-rifletturi biex nigbdu l-film!...

CARLO :: Hawn huma!
(Jibdew iresqu magna, rifletturi, fili eletrići u kull ma jinhtieg.)

GUIDO : Naghmlu mill-ahjar biex isib kollox bl-ordni!

GIORGIO : Il-lejla nigbdu l-film!

CARLO : Hlejna żmien biżżejjed...

GUIDO : Remo, il-produzzjoni tieghek gibtha?

REMO : Xi produzzjoni?

CARLO : Dik illi rridu nagraw lill-President!...

REMO : Ma nistax nifhem xi tridu tghidu!...

GUIDO : U isa, taghmilhiex ta' l-iblah! Ma nafux illi ktibt dramm biex isir talkies!

REMO : M'hux tassew!

GIORGIO : Giddieb! Tahseb li ma nafux?...

REMO : U iva, harbixt xi haga!...

CARLO : Mela veru!

GUIDO : Tagrahulu lill-President?

REMO : U hallini minnkom!...

GIORGIO : Tara kif jaććettha biex jipproduċiha film, u taqla' kemmxa flus gmielha!...

REMO : Tridu tghaddu ż-żmien bija?!

CARLO : Ghad narawk miljunarju!...

GUIDO : Mur ara meta naraw il-manifesti mwahhlin mal-hiten u nagraw ismek b'ittri kbar: IL-FILM KOLOSSALI TAĊ-ĊELEBRI REMO FERRUCCI SKY....

REMO : Isma' bdejtu ddejquni, tafux?!!

GIORGIO : Isma' minni, Remo, jekk ma tkellimx inti lill-President, inkellmu jiena...

REMO : Mela qieghed tiggermen?... Verament darba kont qrajt l-ewwel xena lid-Direttur...

CARLO : X'qallek?

REMO : Qalli... qalli... li jekk ma nhallix malajr

din il-porkerija ta' kitba jibghatni 'l barra!

GIORGIO : (Jghaddih bid-dghajsa.) O! Msejken Remo!

CARLO : (Bhal Giorgio.) Hekk jittratta l-artisti kittieba?

GUIDO : (L-istess) Imsejkna arti!

REMO : Irrid kieku naghmel xi haga, iżda ghadu qatt ma rnexxieli.

GIORGIO : Ghaliex qatt ma rnexxielek?

REMO : Ma nafx!... Forsi ghaliex m'Ninix imghallem biżżejjed... jew ahjar ghax ismi ghadu m' h u x maghruf! (Ikanta:)

Illi nigri, nithabat aktar minn jumejn;
Nixtieq kieku nipprova, 'mma kollu ghal xejn.
Hi holma, illużżjoni,
Bhal min jixtieq itir...
Destin hu dana tieghi
Illi jien nibqa' fqir!

Ghalfejn, ghalfejn nixxennaq?
Meta l-gwienah huma mfarrkin...
Ghalfejn inhabbel rasi,
Nittama fil-bnedmin?

Merga nipprova nhabbat, ghal darba, darbtejn
Bid-dmugh hsilt haddejja, u hammart l-ghajnejn!
Hi holma, illużżjoni,
Bhal min jixtieq itir...
Destin hu dana tieghi
Illi jien nibqa' fqir!

Ghalfejn, ghalfejn nixxennaq?
Meta l-gwienah huma mfarrkin...
Ghalfejn inhabbel rasi,
Nittama fil-bnedmin?

(Il-kant jieqaf u tissokta l-mużika mal-prosa.)

REMO : Hbieb, ikun ahjar illi ninxtehtu ghax-xoghol!

GUIDO : Remo, ara halli f'idejna, nitkellmulek ahna!

REMO : Imma ma min tridu titkelmu?

GIORGIO : Mal-President!

REMO : Isimghu x'sejjer nghidilkom! Jekk ahna tassew hbieb nitlobkom li ma titkellmu ma hadd!

CARLO : Allura aghmel kif joghogbok!... Iżda...

REMO : Le, le, ahjar ma titkellmu xejn! (Jerga jir-

jirrepeti r-romanza tieghu li tinsab f'pagna 10)

## Xena IV.

Direttur, ir-Reģista u ta' qabel.

DIRETTUR : (Jidhol mar-Reģista.) Allura, żagħżagh qalbiena, kollox jinsab ghall-ordni?

REMO : Kollox lest, magna, rifletturi, lampi; kemm naqbdu ndawru.

B

DIRETTUR : Bravi! Issa halluni ftit wahdi mar-Reģista sabiex niftehmu ftit fuq dak li ghandna naghmlu.

REĠISTA : Morru, hbieb, sakemm nergaw insejhulkom! (L-erbgha haddiema johorgu.)

DIRETTUR : Ghalina issa! Nibqghu kif ftehmna, li quddiem il-President niġbdu dik ix-xena meta jarrestaw lil William Tell!...

REĠISTA : Preċiżament! Ix-xena ta' meta jisserrawh, cioe jarrestawh!

DIRETTUR : Hekku, qeghdha tiġini idea! Biex aktar ix-xena tiġi kolossali jinhtieġ inżidu xi haġa fil-folla tal-kumparsi...

REĠISTA : Diġa' hsibt ghal dan; ippreparajt biċċa musika sabieha li wara li titkanta jiżfnuha wkoll!

DIRETTUR : Bravu! Hekk tajjeb, imma jinhtieġ xi h a ġ a aktar brillanti; pereżempju xi galoppata ta' xi żwiemel selvaġġi...

REĠISTA : Fuq l-gholjiet?

DIRETTUR : Jew ahjar xi taqtigh bejn in-nies homor u nies suwed...

REĠISTA : Fuq l-gholjiet ta' Patogania?

DIRETTUR : Patogania u l-Amerka tas-Sud ftit jimportaw, fit-talkies kollox jaghmel effett.

REĠISTA : Tajjeb hafna!

DIRETTUR : Imbaghad xi żifna karatteristika... xi tango jew rumba...

REĠISTA : Kaspitina! 'Rumba' fi żmien William Tell? Ma jidhirlekx...?

DIRETTUR : Tajjeb mela, jiżfnu karjoka. Taghmel effett aktar quddiem William Tell.

REĠISTA : Bilhaqq, bilhaqq, it-tifel, it-tifel ta' William Tell min sejjer jaghmilha?

DIRETTUR : Diġa ħsibt. Il-kbir Max Miller sejjer iġib 'l ibnu, huwa tifel tassew prodiġjuż! Imbaghad tara kollox...

REĠISTA : Imma inti, surDirettur, huwa bniedem verament ta' l-ghaġeb!

DIRETTUR : Idea oħra! Fix-xena meta William Tell ghandu jolqot it-tuffieha fuq ras it-tifel ghandek iżżid kanzonetta helwa zokkor!

REĠISTA : Kanzonetta helwa kokkor?... Zokkor?

DIRETTUR : Insomma biċċa kant popolari li wara nipproduċuha fid-diski. Xi polka jew xi tirontello. Il-kanzunetta tat-tuffieha tara kif taghmel furur!.

REĠISTA : Inqabbdu lis-surmast taghna jaghmillha l-mużika. Imma l-versi?...

DIRETTUR : Dawk niktibhom jiena.
(Jikteb xi vers u jaqrah.) "Fuq rasek tuffieha ghandek!"

REĠISTA : Jew, "Ghandek tuffieha!"

DIRETTUR : Insomma, "Ghandek tuffieha!"

## Xena V.

Masu, Nandini, ta' qabel u wara Remo.

MASU : (Minn ġewwa) Ej!... U ħallina!...

DIRETTUR : (Lir-Reġista) Ghinni nikteb xi vers int ukoll'. "Fuq rasek tuffieha ghandek!"...

REĠISTA : "Ghandek tuffieha!"

MASU : (L-istess, minn ġewwa) Stenna ftit!

DIRETTUR : Dan min hu? X'irid? (Lir-Reġista) Mela fejn konna wasalna?

REĠISTA : "Fuq it-tuffieha hemm ras ta' bniedem!"

DIRETTUR : X'inti tghid?!! "Fuq rasek, fuq rasek!...

REĠISTA : Sewwa! "Fuq rasek għandek qargħa balija!"

DIRETTUR : U x'qargħa balija! Tuffieħa ta' belludja!

MASU : (Mil-bieb) Nista' ngħaddi?

DIRETTUR : (Jersaq ma ġenb il-bieb.) Ma tistax tgħaddi!

MASU : Għaliex ma ~~X~~istax? [n written above]

DIRETTUR : (Bħal qabel) Għidtlek ma tistax tgħaddi! (Lir-Reġista) Mela konna wasalna, "Fuq rasek tuffieħa għandek!"

MASU : Aħfirli, sinjur, jekk qatt nabbuża, iżda għandi Ġeppinu għajjien ħafna!... (Jidħol in xena.) (Warajh jidħol Nandini.)

NANDINI : (Lil Masu) Pa, kemm hi sabieħa din is-sala!

MASU : Ogħod ġwejjed! Ma tarax li hawn in-nies? Permess, nista' ngħaddi?

DIRETTUR :(Lil Masu) Insomma, int xi trid?

MASU : Jiena ma rrid xejn, iżda jaħasra għamilna triq twila u l-imsejken bil-għajja qabdu għatx kbir!

REĠISTA : Min hu l-imsejken?

MASU : Min? Ġeppinu! Jekk jogħġobkom tafu tgħiduli fejn insib ftit ilma?

DIRETTUR : Aħna għandna x'nagħmlu!

MASU : Jiena m'għidtilkomx biex tiskomodaw ruħkom intom, iżda tgabbdu lil xi ħadd jurina fejn insibu ftit ilma...

DIRETTUR : (Isejjaħ.) Remo! Remo! ~~Là~~
(Jidħol Remo.)

REĠISTA : Newwel siġġu lil dan ir-raġel u ġibilhom tazza ilma!

MASU : Siġġu? Tazza ilma? Din it-tazza ilma għal min?

REĠISTA : M'għidtlixli dan ibnek Ġeppinu... Ġeppinu, x'jismu, huwa għajjien u għandu l-għatx!

MASU : Mela, Ġeppinu! Imma Ġeppinu m'hux dan, ibni!

DIRETTUR : Mela min ix-xjafek hu?

MASU : Ġeppinu huwa l-ħmar li baqa' barra!

REĠISTA : Kaspitina! Kien imissek daħħaltu hawn ġew...

DIRETTUR : U jiena ħsibtu li kien dan ibnek, rajtnix?!!

MASU : Ibni jiena Nandini. Kieku nghidlu jien x'inhu ghajjien ghax ma nqabżux ftit bil-frosta u jkollu jigri daqs automobbili. Imma l-ħmar le, il-ħmar, ghax jekk qatt is-Sema jħarisni, jigi biex immut, jiena nkun bniedem irrovinat!

NANDINI : Pa, m'ghandekx xi biċċa ħobż?! Jiena qabadni l-guħ!

MASU : Ha! (Jaghtih biċċa ħobż.) Din il-biċċa k o n t erfajtha ghalija, kulha! Imsejken iben t i e g h i, qabdu l-guħ rajtux?! Skużawni ftit, sinjuri!.... (Imur jittawwal mill-bieb.) Il-ħmar inxteħet fl-art jistrieħ. Ċeppinu, issa ngiblek bumbu!... (Lid-Direttur) O, sinjur, kieku tarah il-ħmar... Xi ħmar, is-sema jħarsu mill-ghajn!!! (Ikanta l-Kanzunetta ta' Giuchinu.)

Il-ħmar tieghi kemm hu ħelu!
Ghadu ċkejken qisu felu.
Kemm hu thuli,
Xejn m'hu kburi!

Kif inxiddlu l-kappestru
Jibda jaqbeż, jaghtih estru!
Kemm hu thuli,
Xejn m'hu kburi!

Jiekol dejjem, m'ghandux zaba',
Ghad nilghablu żgur xi xebgha!
Kemm hu dhuli,
Xejn m'hu kburi!

Meta f'rasu haġa jdaħħal
U biż-żewġ jaqbad iwaħħal,
Kemm hu dhuli,
Xejn m'hu kburi!

Rit.:- (Jimita l-inhieq tal-ħmar.)
Ih!... Oh!... Ih!... Oh!...
Jinhaq, jaghtik tassew pjaċir!
Ih!... Oh!... Ih!... Oh!...
Evviva kollha l-ħmir!

LKOLL : Ih!... Oh!... Ih!... Oh!...
Jinhaq, jaghtik tassew pjaċir!
Ih!... Oh!... Ih!... Oh!...
Evviva kollha l-ħmir!

MASU : Il-lewn tieghu griż sewdieni;
Fuq ruħu, ukoll qalbieni!
Kemm hu dhuli,
Xejn m'hu kburi!

Widnejh żghar donnhom bil-molla;
Xufftejh ghandu lewn il-ħrolla!
Kemm hu dhuli,
Xejn m'hu kburi!

Ghajnejh blu tal-figorini,
Snienu bojod tassew fini.
Kemm hu dhuli,
Xejn m'hu kburi!

Rit.:- Ih!... Oh!... Ih!... Oh!...
Jinhaq, jaghtik tassew pjaċir!
Ih!... Oh!... Ih!... Oh!...
Evviva kollha l-hmir!

LKOLL : Ih!... Oh!... Ih!... Oh!...
Jinhaq, jaghtik tassew pjaċir!
Ih!... Oh!... Ih!... Oh!...
Evviva kollha l-hmir!

(Il-kant jieqaf.)

DIRETTUR : Insomma, b'dan l-imbierek hmar tieghek fixkil-tna fil-poeżija fl-isbah taghha...

REĠISTA : Mela x'inhu?! Fl-isbah taghha!

MASU : Ahfruli, sinjuri, iżda jiena ma xtaqtx hlief daqsxejn ilma ghal Ġeppinu... mela, ghal Ġeppinu! Imma kemm hu helu l-hmar tieghi!... (Jerġa jibda jkanta fuq il-motiv ta' qabel.)

DIRETTUR : (Lil Masu) Ara, habib, (Jitlef il-paċenzja.)... mur hemm barra, hemm l-ghajn ta' l-ilma.

MASU : Grazzi hafna, sinjur! (Ikun sejjer.)

DIRETTUR : (Lir-Reġista) Imxi halli mmorru niftehmu mas-surmast fuq il-kanzunetta tat-tuffieha.

MASU : (Jerġa lura u jghid lid-Direttur.) U ahfruli, jekk abbużajt!

DIRETTUR : Ma hemmx imniex!... l-ebda abbuż!

MASU : (Lir-Reġista) Grazzi, lilek ukoll!

REĠISTA : Ma hemmx f'hiex!... Ma hemmx imniex!! (Johroġ flimkien mad-Direttur.)

MASU : Nandini, stennieni ftit hawn halli mmur nisqi lill-hmar!

NANDINI : Iva, pa!

MASU : Ara li toqghod kwiet u ma jfittillekx tmiss xi haġa ghax hawn l-elettriku, fhimtni? U ara fejn timxi li ma thammiġilhomx il-pavament! (Jitlaq u jerġa jiġi.)

NANDINI : Fhimtek, fhimtek, pa!

MASU : Ara li jekk taghmilli xi wahda minn tieghek la mmorru d-dar indoqqhomlok, fhimtni?

NANDINI : Iva, pa, kemm sejjer iddum tghidli?

MASU : Ha, kul biċċa hobż ohra! (Jaghtih biċċa hobż.) Kul ghax ghandek il-ġuh! Issa halli mmur nara lil Ċeppinu! (Imur jittawwal mill-bieb.) Ja hmar tax-xjafek! Ghandu jkun hareb!... Fejn mar? Ah! Hemm grah, qieghed jiekol il-haxix. Ej! Ċeppinu! Hawwe 'l hawn! (Johroġ jiġri.)

## Xena VI.

Nandini u Remo.

NANDINI : Jiġifieri hawnhekk jaghmluh it-talkies?

REMO : Hawn mhux jaghmlu t-talkies, hawnhekk jiżvilu pawh.

NANDINI : Fhimtek, fhimtek! Xi ġmiel it-talkies! U skużi inti wiehed mis-sidien ta' dan l-istabbiliment?

REMO : Mela x'inhu! Kelli bżonn kont wiehed mis-sidien tal-belt ta' Hollywood!... Jiena ma hinix hlief sempliċi impjegat!

NANDINI : U x'impjieg ghandek?

REMO : Indawwar il-magna!

NANDINI : Biex tidhan il-kafe'?

REMO : Indawwar il-films biex niehdu r-ritratti!

NANDINI : Issa fhimtek!

REMO : U int x'taghmel?

NANDINI : Xi tridni naghmel? Nahdem fir-raba', nghin lil missieri u kull tant nohroġ xi harġa bil-hmar ghal xi fiera!

REMO : Ma jkunx joghoġbok iżjed li tkun impjegat hawn magna? F'din il-fabrika hawn post ghal kulhadd!

NANDINI : Hawnhekk jiena x'nista' naf naghmel?

REMO : Taghmel dak li naghmel jiena! Iddawwar sabiex tiżviluppa l-films.

NANDINI : Kieku jkolli nara xi film talkies sabih, iva, imma biex nahdem naghżel ir-raba'.

REMO Hares, hawnhekk ihalsu tajjeb!... Taglà' flus kemm trid int!...

NANDINI : X'jimpurtani mill-flus? X'hemm aktar sabih mill-arja tal-kampanja?!... U hares, faddalt xejn flus kemm ilek impjegat hawn ġew?

REMO : Nistqarlek li anqas għandi biex nibdel din il-libsa ta' fuqi!

NANDINI : Qiegħed tara? Le, le, aħjar l-arja tal-kampanja!

REMO : Togħoġbok ħafna l-kampanja?

NANDINI : Togħġobni aktar mill-belt! (Ikanta arja ċkejkna)

Kemm hu sabih il-ġnien mimli bis-siġar!
Kemm huma sbieħ l-għoljiet ma tlugħ ix-xemx!
Kollox ihaddar u jleħlex bil-fjuri!
Fil-ħolqien kollu żgur li ġmiel ma hemmx.
U jaqta' l-fjuri u ż-żgħar
Il-ġardinar!
Fjur tal-kamelja,
Fjur tal-peprina.
Il-għana helu tal-kitarra
U l-mandolina!
Fjur taċ-ċirasa,
O! Ġelsomina,
Fjuri verbani,
Ward u żgħar ukoll tal-kina.
Kemm huma sbieħ il-ġonna
Fuq il-għoljiet!...

(Il-kant jieqaf.)

## Xena VII.

Masu, ta' qabel u wara d-Direttur.

MASU : (Jidħol.) Nandini! Kif għadek hawn?

REMO : Ibnek baqa' hawn biex jagħmilli kumpanija. Veru għandek ibnek tifel sewwa ħafna!

MASU : Eh! Naf, naf... jixbah kollu kemm hu lil missieru għux veru, Nandini? Ersaq 'l hawn, ha!...

NANDINI : Ma niġix!

MASU : Kif ma tridx, ja brikkun?!! Ersaq 'l hawn, m'jien sejjer nagħmillek xejn!
(Nandini jmur ħdejn missieru.)
(Jaqbad ras it-tifel u jgħid lil Remo:) Hares, xi ġmiel ta' tifel, mhux veru li jixbah lili?

REMO : Huwa veru ritratt tiegħek!

DIRETTUR : (Jidħol inkurlat.) Remo! Remo! (Jilmaħ lil Masu

u lil Nandini.) O! Intom għadkom hawn? (Lil Masu) Dak ix-xitan ta' ħmar tiegħek...

MASU : Għamillek xi ħaġa, Sinjur?

DIRETTUR : Kont ħejjejt bħal ħajt tat-tiben u jgerrrem u jnaqqar waqqagħuli kollu u issa ma nistax nigbed ix-xena li kont sejjer nagħmel...!

MASU : Bin il-kilieb! Eppure għidtlu biex joqgħod ftit kwiet u ma jitħarrekx!

DIRETTUR : U inti għandek tħalli l-ħmar waħdu ma ġ e n b stabbiliment bħal dan?

MASU : Ħallejtu ftit biex niġi nieħu lil ibni. Raraw eh?! Malajr ipprofitta ruħu... ja bestja ta' l-infern!

DIRETTUR : Allura x'intom tistennew? Morru qabel ma jagħmilli xi waħda kbira!

MASU : Sejrin, sejrin. Imma għall-inqas tini ż-żmien nirringrazzjak tat-tiben li tajtek...!

DIRETTUR : Tirringrazzjani? Pjuttost imissek tħallas talħsara tat-tiben li kielli l-ħmar tiegħek!

MASU : (Waħdu) Inħallas?!!... Nandini, aħjar infittxu nitilqu bis-sliema. Arrivederċi, sinjuri! (Joħroġ għal ftit.)

DIRETTUR : Remo, jinħtieġ li nerġaw inwaqqfu dak il-ħajt qabel ma jiġi l-President!

MASU : (Jerġa jidħol.) Pero', sinjur, wara kollox int għandek tiskużah!... Hu x'inhu ħmar hu!

DIRETTUR : Erġajt ġejt quddiemi?!!

MASU : Mela x'inhu? L-annimal ma kienx jaf li dak it-tiben ma kienx ħiegħed hemm għall-ikel; kellu l-ġuħ u kielu.

DIRETTUR : Għamilli pjaċir u naddaf minn saqajja!

MASU : Sejjer, sejjer. Arrivederċi, sinjur! O h l o m tajjeb! (Joħroġ ma Nandini għal ftit.)

DIRETTUR : Mela itlaq u ħallina għax għandna x'nagħmlu!

MASU : (Jerġa jidħol.) Permess!...

DIRETTUR : Mill-ġdid quddiemi?!!!

MASU : Għax insejt l-umbrella. (Imur jieħu l-umbrella)

DIRETTUR : Nispiċċa biex nitfak il barra bis-saqajn!

MASU : Imma skużi, m'għandix nieħu l-umbrella? U jekk tagħmel ix-xita?... Aċċidenti! Kemm huwa mqarċaċ dan is-sinjur!... Arrivederċi!

DIRETTUR : Għand ix-xjaten!!!...

MASU : Ġesu, Marija! (Joħroġ bl-umbrella.)

DIRETTUR : Sa fl-aħħar! Mela Remo...! (Remo jkun baqa' distratt isellem lir-raħħala.) Remo! Remo! Remo!!!

REMO : Hawn, hawn, Direttur!

DIRETTUR : Fhimtni jew ma fhimtnix?

REMO : Fhimtek! Arani sejjer!...

## Xena VIII.

Ir-Reġista, Direttur u Remo.

REĠISTA : (Jidħol in xena mgħaġġel qabel Remo ma jkun ħiereġ.) Direttur! Direttur, aħbar ħażina!!...

DIRETTUR : X'inqala'?

REĠISTA : M'hux ġej iżjed...

DIRETTUR : Min? Il-President?

REĠISTA : Le, il-qamar, ċioe' il-kewkba taċ-ċinema!

DIRETTUR : Imma min?

REĠISTA : William Tell!

DIRETTUR : Min? Il-famuż Max Miller?!!

REĠISTA : Hekk għandu jkun! Aqra dan id-dramm, ċioe' dan it-telegramm! (Jagħtih telegramm.)

DIRETTUR : (Jaqrah.) "Lili u lill ibni tista tħolna mill-Kuntratt li għamilna għaliex m'aħniex ġejjin iżjed. Max Miller." M'humiex ġejjin!!

REĠISTA : M'humiex ġejjin...

DIRETTUR : Aħna rovinati!!!

REĠISTA : Aħna ronjulati!!!

DIRETTUR : Nagħmel imħatra li din hija xi mbroljja tas-"Cinestar Corporation"! Iridu jeqirduna, ja ka-

nalji li huma!!

ISTA : Ja karkalji!

ETTUR : Jinhtieġ niehdu xi deċiżżjoni! Jekk jiġi hawn il-President u ma jsibx il-Protagonista, jibgħatna lkoll 'il barra! Fhimtu? Ikeċċina!

ISTA : Iċekkina, ikeċċina!

O : Wegħdha tiġini idea! Il-President jafu lil M a x Miller?

ETTUR : Le, qatt ma rah!

O : Tajjeb! U inqas hawn hadd ma jafu ġaladarba għandu jiġi mill-Isvizzera!... Xi trid biex minn floku ssib persuna oħra u hekk tippreżentha lill-President?

ETTUR : Imma lil min taqbad issib jekk dalwaqt ikun hawn?

ISTA : Nagħtu kas lili... Is-suppretendent... ċioe' il-President lili ma jafnix, qatt ma rani...!

ETTUR : Lilek? Le! Trid parank biex toħroġlok xi kelma minn fommok?... Kif tista' tagħmilha ta' attur?

ISTA : Mhux għax kieku!... Mhux għax kieku!... Kaspitina!...

O : Jiena sibtu l-Protagonista! Dak il-bidwi!...

ETTUR : Liema bidwi?

O : Dak tal-ħmar li għadek kif keċċejtu minn hawn!

ISTA : Imma dan ġenn!!

O : Hadd għadu ma rah ħliefna u ħadd ma hu sejjer jittradina!

ETTUR : (Wara li joqgħod jaħseb ftit:) Bravu Remo! Inti ġibtha! U biex tagħqad dak il-bidwi għandu lil ibnu miegħu ukoll! Din hija deċiżżjoni erojka! Fulminanti! Iġri, Remo, ilħaq lil dak il-bidwi u ġibu flimkien ma ibnu hawnhekk!
(Remo joħroġ jgħaġġel.)

ISTA : Issa trid tara jekk jaċċettax?!...

ETTUR : Nagħmlulu rigal sabiħ u tara kif jaċċetta!

ISTA : Imma ftit ilu keċċejtu 'l barra!

ETTUR : U issa meta jiġi nittrattawh bl-akbar ġentilezza! Tara kif jaċċetta!

## Xena IX.

Remo, Masu, Ir-Reġsita, Direttur u wara Nandini.

REMO : (Jidhol.) Hekku l-bidwi! Ilhaqtu!

MASU : (Mill-bieb) Sinjur, bghatt issejjahli?

DIRETTUR : (Bl-akbar ġentilezza) Ghaddi, ghaddi, poġġi bil-qeghda! Da'żgur li bghatt insejjahlek!

REĠISTA : (Lil Masu) Ċiċċi bil-qeghda!

MASU : (B'suspett) Mument wiehed!...

DIRETTUR : U ghaddi qisu f'darek!

REĠISTA : (Irid jehodlu l-kappell.) Iċ-ċappell... ahem il-kappell!

DIRETTUR : Iva ġibulu siġġu!...

MASU : (Wahdu) Dawn xi bċejjeċ huma? Qabel keċċieni 'l barra u issa dawn il-ġentilezzi kollha!

DIRETTUR : (Inewwel siġġu lil Masu.) Iva poġġi!

MASU : (Lid-Direttur) Malli nghidlek, sinjur! Jekk inti sejjahtli biex inhalsek tal-hsara li ghamillek il-hmar tieghi, tista' tirrinunzjani ghax m'ghandix flus fuqi!...

DIRETTUR : U xi flus, u xi hsara?

MASU : Inti ma ridtnix inhallas il-hsara tat-tiben?

DIRETTUR : Xejn affattu! Dak kien żball!... Jena sejjahtlek hawn mhux biex thallas il-flus, ma biex taqla'...

MASU : Naqla? Jiena?

DIRETTUR : Inti, iva, sejjer taqla' kemxa sabieha!

MASU : Jien?

REĠISTA : Iva, iva jien... ċioe' huwa, anzi int!...

MASU : (Imur fejn il-bieb.) Nandini! Nandini! Ejja hawn ma ġenbi!

NANDINI : (Mill-bieb) Pa! Ġela m'ahniex sejrin id-dar?

MASU : Le, ibni! Stenna ftit ghaliex ghandna l-fortuna warajna!... (Lid-Direttur) X'sejjer ikun dan ix-xoghol? Kemm sejrin naqilghu?

DIRETTUR : Kemm tridu! Mija... mitejn dollaru!

MASU : Karamba! Fhimtek! Inti trid tixtri minn ghandi xi barmil żejt!... Iżda jisoghbija hafna ghax beghtu kollu f'daqqa!

DIRETTUR : Le, jiena mhux nixtri żejt irrid!...

MASU : Allura mbit? Kieku kont naf qabel kont inġibulek mieghi!...

REĠISTA : U le, m'ghandux x'jaqsam il-hall u l-irbit!

NANDINI : (Jghajjeb lir-Reġista.) Hall u mbit, u t-tiġieġa qeghdha dbit!

MASU : Insomma! Hawn sejrin nghaqqdu xi orkestra?

REĠISTA : Ghaliex ghandi difett ċkejken fil-kaxxa armonika ta' halqi!...

MASU : Imma allura, jekk intom ma tridu la żejt u l-anqas imbit, xi tridu? Patata, basal jew qargha twil?

DIRETTUR : Hallini nghidlek, imbierek ta' bidwi!... L-affari hija din. Inti trid taghmilha...

MASU : X'naghmilha?

DIRETTUR : Inti trid taghmel, trid taghmel?...

REĠISTA : L-attur!

MASU : Dan x'ikun?

DIRETTUR : Mela da'żgur, trid taghmilha ta' attur?

MASU : L-attur?!!

DIRETTUR : Mela! Hares, f'daqqa wahda naqasna l-Protagonista u jinhtieġilna b'urġenza kbira wiehed li jaghmilha ta' William Tell!

MASU : Dan min ikun?

DIRETTUR : Ma tafx min hu William Tell?

MASU : Eh! Eh! Dak ta' l-opra!... U żgur li naf min hu. M'inix tant injorant daqs kemm tahsbuni!.... William Tell huwa dik il-biċċa mużika illi ddoqq dejjem il-banda tar-rahal tieghi, dik li taghmel Parappa, parappa, umpappappa...! Din nafha bl-amment. Tistaghġbux, sinjuri, ghaliex jiena kont darba ndoqq il-platti. Ridtu tisimghu meta kien jidhol il-forti kemm kont naghti bil-qalb, Tarażum, tarażum, tarażum, żum, żum! U x'applawsi?!!

DIRETTUR : (Li sa dal-hin ikun iddejjaq u jfittex sabiex iwaqqfu.) Basat, basta, nafu! Din hi l-opra ta' Mercadante!

REĠISTA : Sorrini... ċioe' Rossini!

DIRETTUR : Niġu għall-fatti!

MASU : Insomma, jiena nista' nkun naf x'għandi nagħmel?

DIRETTUR : Inti bil-persuna tiegħek trid tirrappresenta lil William Tell!

MASU : Rappresenta?

REĠISTA : Tispermenta... ahem, tippresenta!

MASU : Nippresenta fit-Teatru?

DIRETTUR : Fiċ-ċinema!

MASU : Fiċ-ċinema! Ma ninqalax!

DIRETTUR : Inti tirnexxi! Jien ċert li tirnexxi. Kemm dan ir-Reġista li ser jgħallmek tagħmel għeġubijiet!

NANDINI : Pa, inti tagħmilha ta' artista tat-talkies?!! (Jidħak kemm jifla.)

MASU : Ara li inti tiskot kwiet!...

DIRETTUR : Jekk inti taċċetta ikollok premju kbir!

MASU : Kemm tatuni?

DIRETTUR : Mija, mitejn dollaru, u aktar ukoll!...

NANDINI : Pa, isma' minni! Dan mhux hobż għal snienek!

DIRETTUR : Ukoll tliet mitt dollaru jekk trid!...

REĠISTA : Erba' mija, ħamsa, sitta...

DIRETTUR : Bil-mod, bil-mod!

REĠISTA : Jinħtieġ inkunu ħfief!

DIRETTUR : Ħfief iva, imma mhux mal-flus!...

MASU : Allura sejrin tagħtuni ħames mitt dollaru?

DIRETTUR : (Rassenjat) Tajjeb! Ħames mitt dollaru!

MASU : (Lid-Direttur) Tgħallimni inti?

DIRETTUR : Le! Jiena, ir-Reġista!

NANDINI : Pa, sejjer tagħmel froġa!

MASU : Iskot kwiet, int! Kemm hsibtu injurant l i l missierek? Madankollu jiena rreċitajt drabi oħra fit-Teatru!

DIRETTUR : Inti rreċitajt?

MASU : Mela x'inhu! Meta kont immur l-iskola!

REĠISTA : L-iskola?!! Kaspitina!

MASU : Kelli għaxar snin. Kieku kontu tistgħu tarawni kemm kont helu meta kont għadni ċkejken!! Sa n-nokkli kelli u darba waħda meta d-Direttur ta' l-iskola qasmilna l-premjijiet kienu tawni nirreċita poeżija għaliex kont l-aħjar wieħed fil-klassi; u din il-poeżija għadni nafha bl-amment! Kemm qlajt fuq rasi sakemm tgħallimtha! Din il-poeżija kienet hekk:

"Tereżina fuq tagħha!
Tereżina, Tereżina!
Għandha wiċċha minn ta' peprina.
Taf iddoqq il-mandolina;
Togħla u taqbeż bħal xadina!"

DIRETTUR : Tajjeb! Bravu Max!

MASU : X'inhu?

DIRETTUR : Max Miller, l-isem tiegħek!...

MASU : Jiżbaljalek! Jiena jisimni Masu l-Werżieq u missieri kien jismu Londolino ta' Pefiferio!

DIRETTUR : Tajjeb! Imma hawn issa inti jismek kif ġa' għidtlek: Max Miller, u ibnek ħalli nara x'jismu!...

MASU : Kif! Huwa wkoll għandu x'jaqsam maċ-ċinematografu?

DIRETTUR : Ukoll, iva!

REĠISTA : Mela! Maċ-ċinemaċaċa, ċi - nema - tografu!

MASU : Mela nżidu mitt dollaru iehor!

DIRETTUR : Nagħtuh ukoll mija!

MANDINI : Ma rridx! Jiena nisthi!...

MASU : Oqgħod kwiet, ja werżieq! Sewwa sew għandek bżonn ta' libsa ġdida għax dik ta' fuqek rabbiet il-kallu!

DIRETTUR : Pero' nirrikkmandalkom! Kliem xejn ma ħadd, eh!!

MASU : Kliem xejn, għaliex?

DIRETTUR : Ghaliex? Imbaghad ifehmek is-sur Reġista. Mur hemm ġew mieghu!...

REĠISTA : Mela! Nfehmek kollox jiena! Imxi mieghi!

MASU : Ej! Ej! Ma niċċajtawx!... U l-flus fejn huma?

DIRETTUR : Il-flus hawn! (Jaghtih xi flus.)

MASU : Hekk irrid! Ghax hares, jiena mal-flus ma niċ-ċajtax!... Immorru!...

REĠISTA : (Milqut minn idea.) O! Il-hmar!...

DIRETTUR : X'inqala' issa? Fadal ukoll il-hmar?...

MASU : Da'ġgur! Ġeppinu tieghi!...

REĠISTA : Jekk kemm il-darba jaraw il-hmar hemm barra, niżilqu, ahem... nitfixklu...nin... ninkixfu!

DIRETTUR : Remo, ahseb inti biex tahbi dak l-imgharraq ta' hmar!
(Remo johroġ minn nofs.)

MASU : Mgharraq?!! Sur, Direttur, ara li ma toffen-dilix il-hmar tieghi... ghax inqattghu il-karti!

DIRETTUR : Ibqa' ġgur li nirrispettaw lil hmar ukoll!... Morru, inti u ibnek, mar-Reġista!

NANDINI : Imma jiena ma rridx nirreċita ghax nisthi!...

MASU : Iskot, ras ta' qargha! B'dawn il-flus naghmillek libsa ġdida u jiena nixtri hames majjali, bodbod u fekruna. Tara kemm tkun helwa l-fekruna! (Jitilqu hu u ibnu mar-Reġista.)

<u>Xena ta' l-ahhar.</u>

Guido, Carlo, Giorgio, Kor u Direttur, u wara Masu, Nandini, Remo u r-Reġista.

GUIDO : (Jidhol flimkien ma Carlo, Giorgio u l-kor.) Sur Direttur, iċ-ċelebri attur mhux ġej sabiex jaghmel il-parti ta' William Tell?

GIORGIO : Sur Direttur, kif sejrin naghmlu meta jiġi l-President?

CARLO : Ahna rrovinati!...

KOLL : Jonqos il-prim attur! Il-Protagonista! Il-Kewkba! (A soggetto)

DIRETTUR : Żommu l-kalma, sinjuri! Żommu l-kalma! Il-kewkba l-ġdida taċ-ċinema, il-kbir Max Miller, jinsab hawnhekk!

ILKOLL : Jinsab hawn?

DIRETTUR : Iva, flimkien mal-prodiġjuż ibnu!

GIORGIO : U kif ġew?

DIRETTUR : Ġew ftit ilu bil-moħbi nkiss inkiss. Għaliex sinjuri, għandkom tkunu tafu li dan Max Miller huwa tip oriġinali li m'għandu x'jaqsam xejn ma artisti oħra! Huwa jħobb is-sempliċita'; jilbes ta' raħħal, jitkellem ftit..! (Waħdu) X'jiena ngħid? (Lill-oħrajn) Iva, jitkellem ftit!. Imma huwa verament attur divin, huwa kewkba, h u w a qawsalla, huwa xemx!... Huwa... Hekku, hawn hu quddiemkom!
(Jitfaċċa Masu ma Nandini, warajhom Remo u r-Reġista.)

ILKOLL : Evviva l-kewkba taċ-ċinema!!! (Ikantaw.)

Artista kbir, imsemmi, wisq magħruf!
Jinsab hawn, jinsab hawn, jinsab hawn!
Tat-talkies hu tassew ċelebrita',
Wisq magħruf, wisq magħruf, wisq magħruf!
Hurrah! Hurrah! Hurrah!...
Waslet il-kewkba taċ-ċinema,
Kewkba li/ tiddi fl-isbaħ belt ta'Hollywood!
Id-dinja kollha tiftaħar bih,
Jaħdem bil-lejl, jaħdem bin-nhar mingħajr
Kull meta jidher fuq il-lizar /mistrieħ.
In-nies tiffolla, titlaq tigri, kbar u żgħar.
Wasal l-artista bniedem kbir,
Taċ-ċinema, taċ-ċinema, hawn hu!

TMIEM TA' L-EWWEL ATT

.........................
.................
.............
.........
.....
.

# FIL-BELT TA' HOLLYWOOD

## IT-TIENI ATT

### Xena I.

President, Direttur u wara ir-Reġista.

DIRETTUR : Sur President, hekk issa moħħi kwiet li inti stajt tara b'għajnejk l-impjanti u l-personal kollu li sejjer jieħu parti fil-film: "The Story of William Tell"...

PRESIDENT : Oh yes, 'mma....

DIRETTUR : U nisthajlek bdejt ħifhem kemm kelli naħli enerġija u kemm kelli naħli flus!... Mela, fuq kollox flus!...

PRESIDENT : Oh yes, 'mma....

DIRETTUR : Inti tara kif ma jiddispjaċikx li ġejt minn New York!... Pero' kollox bis-saħħa tal-ħila tiegħi illi mexxi kollox ħarir... u... bis-saħa tal-flus li bgħattli wkoll...

PRESIDENT : Jiena ma nħarisx lejn l-ispejjes, basta li kollox imur tajjeb!...

DIRETTUR : Mhux tajjeb!... Għandu jirnexxi kollox meraviljuż!... Taf x'inhi hej... bqajna daqsxejn lura...

PRESIDENT : Lura f'hiex?

DIRETTUR : Flus għandna ftit!...

PRESIDENT : Flus? Dollarş? Oh! Hekku, kemm trid! (Jagħtih cheque mill-librett tiegħu.)

DIRETTUR : Grazzi, grazzi!

PRESIDENT : Oh yes, 'mma....

DIRETTUR : Forsi tixtieq tarana nieħdu xi xena? Halli nsejjaħ malajr lir-Reġista! (Imur ma ġenb il-bieb.) Ej! Sur Reġista!

PRESIDENT : O yes, 'mma....

REĠISTA : (Jidħol.) Hawn jiena tagħkom... magħkom!

DIRETTUR : (Lir-Reġista) Is-sur President huwa kuntent ħafna bix-xogħol tagħna!

REĠISTA : Tajjeb! Mit-tajjeb għal ħażin ma hemm xejn!

PRESIDENT : Oh yes, 'mma....

REĠISTA : Aħfirli, sur President, imma dan il-"'mma" ma nafx xi tfisser!

PRESIDENT : Yes!... Irrid li jiena nara kollox,'mma lil Protagonista li kellu jiġi mill-Iżvizzera għadni ma rajtux...

DIRETTUR :: Dalwaqt tarah, meta nigħdu x-xena!...

PRESIDENT : No, sir!

DIRETTUR : Kif 'No, sir'?

PRESIDENT : Għaliex jiena rrid narah issa!

DIRETTUR : Għaliex, hares, sur President, huwa b h a l issa qiegħed iħejji ruħu għax-xena...

PRESIDENT : Le! Jiena qiegħed inħallas u rrid li narah issa... issa...

DIRETTUR : 'Mma....

PRESIDENT : Mhux'mma!... Allura erġa tini l-flus lura!

DIRETTUR : O! Dan imbagħad le! Arani sejjer insejjaħlu! (Waħdu) Nittama li ma nagħmlux xi froġa!... (Joħroġ.)

PRESIDENT : O yes!!

REĠISTA : Ah! Suppretendent... President! Aħjar tilbes nuċċali iswed għaliex sejjer tara kelba, ċioe' kenkba... anzi sejjer tara xemx! Irrid ngħid sejjer tara attur li kemm ili Reġista qatt ma rajt ħmar... ahem għaġeb bħalu. Hekku, għaġeb!

PRESIDENT : Skużani taf, imma għadni ma fhimtekx waħda!

REĠISTA : Mhux waħdek, għax għandi daqsxejn ta' diffett ... imma ibqa' żgur li sejjer tara milokari... likomari... hekku... mirakoli!

## Xena II.

Direttur, Masu, Nandini, Remo u ta' qabel.

DIRETTUR : (Jidħol ma Masu, Nandini u Remo.) Hekku il-

kbir Max Miller!

PRESIDENT : Dan hu ?!!! Uh! Kemm hu ikrah!!

MASU : Ikrah lili?

PRESIDENT : O yes! Forsi inti attur tajjeb imma il-kruha tieghek hija kbira wisq!

MASU : Ikrah jiena, li meta kont ċkejken kont hadt l-ewwel premju ghall-gmiel tieghi fost it-trabi tal-halib li kien hemm fir-rahal tieghi! (Lil Nandini) Ibni, qieghed tara kif qeghdin jittrattawh lil missierek l-ghaġiż?

NANDINI : Htija tieghek! Ghidtlek jien biex immorru lura lejn id-dar!

MASU : Jghajjarni ikrah wara li sejjer naghmlilhom dan il-favur!... Dawn xi frieghen huma?!!

PRESIDENT : Haj! Din x'edukazzjoni hi?! B'liema l s i e n qieghed titkellem?

MASU : Bl-ilsien tar-rahal tieghi!

PRESIDENT : O yes! Tajjeb! U dan il-'boy'?

MASU : Dan ibni! Tridx tghid li hu ikrah ukoll)....ghax harsu... jekk tridu li toffenduni ma naghmel xejn jew inkella jkollkom taghtuni xi mitt dollaru iehor...

DIRETTUR : Issa ma tarax?!... Huwa ma riedx joffendik!.. U xi drabi wiehed jghidlek ikrah biex jghid li inti sabih....

MASU : Hekk nifteħmu, imma ikrah qatt!...

PRESIDENT : Allura dan il-'boy' huwa ibnek, hux veru?

MASU : Ma tarahx? Ir-ritratt tieghi!...

REĠISTA : It-tritratt!... Il-kuntratt... ir-ritratt ta missieru!

PRESIDENT : O yes, yes! Tajjeb hafna! Fotoġeniku!

MASU : Fotoġeniku huwa int, sinjur, mhux ibni! U ara kif tinfamah lil ibni!!

DIRETTUR : 'Mma le, 'mma le, din m'hix offiża! 'Fotoġeniku' tfisser li ghandu wiċċu jeqghod hafna ghall-fotografija!

MASU : (Jidhak.) Ah! Ah! Ah! Ah!

PRESIDENT : O yes, very well! Jinhtieġ aktar dollari?

ASU : Kif?

RESIDENT : Qieghed nistaqsik jekk tridx flus iżjed!

ASU : (Skantat) Jien flus qatt nirrifjuta! Nandini! qieghed tara? U int trid tmur lejn id-dar!..... Hawnhekk hawn biex wiehed jistaghna... altru li tirgha l-majjali!...

ANDINI : Pa, ara x'qallek! Irid jaghtik flus aktar!...

RESIDNET : Hekku! (Inewwel chequelil Masu.)

ASU : Din xi tkun din il-biċċa karta?

RESIDENT : Dan huwa cheque biex tmur issarfu l-Bank!

ASU : Le, jiena rrid flus Svizzeri!

RESIDENT : Flus Svizzeri?

ASU : Mela, flus Svizzeri! Polonki! (Jibda jkanta l-kanzunetta ta' l-erba'.)

Inhobb wisq il-musika,
Minn tal-flus iċċekċku!
Mhux tnabar itektku,
Jew klarin.

IRETTUR : Ahjar ghasfur f'idek
Milli sitta fl-ajru!
Tarhom jittajru
Mehrubin!

EMO : Karta jew ftit fidda,
Kollox jghodd!
Tiekol bla ma taqla',
Is-swar thott!
Tahdem u tistinka
Lejl u nhar;
Tidhol qalb il-borra,
Jew fin-nar.

LKOLL : Basta tahdem u tithallas
Biex ikollna x'nonfqu;
X'nixxalaw!

ASU : Ċik, ċik, ċik, jaghmlu x-xelini!
Tin, tin, tin, lira tad-deheb!
Basta jkollna l-flus f'idejna
X'nonfqu u nberbqu minghajr ma nisporpjaw.

IRETTUR : Ċik, ċik, ċik, jaghmlu x-xelini!
Tin, tin, tin, liri tad-deheb!
Isaw mela, nxammru jdejna
U l-fortuna nistennew!

REĠISTA : Kemm nixtieq ikolli
Xi żewġ Chequejjiet
Ta' mitt lira 'l wiehed!
Naghmel żewġ safriet!

ILKOLL : Ċik, ċik, ċik, taghmel il-fidda!
Tin, tin, tin, jaghmel id-deheb!
Imma biex il-flus ikollna
Jinhtieġ il-heġġa tax-xoghol.

NANDINI : Ċik, ċik, ċik, jaghmlu x-xelini!
L-OHRAJN : Ċik, ċik, ċik, ċik, ċik,...
NANDINI : Tin, tin, tin, lira tad-deheb!
L-OHRAJN : Tin, tin, tin, tin, tin,...

NANDINI : Dan il-hoss kulhadd ihobbu
Ghaliex il-flus joghġbu 'l kulhadd!
Ċik, ċik, ċik, taghmel il-fidda!
L-OHRAJN : Ċik, ċik, ċik, ċik, ċik,...
NANDINI : Tin, tin, tin, jaghmel id-deheb!
L-OHRAJN : Tin, tin, tin, tin, tin,...

NANDINI : Dan il-hoss kulhadd ihobbu
Ghaliex mill-flus ma jixba' hadd!

PRESIDENT : Inhallas cheques, yes cheques, yes!
U kuljum ikel naghtihom;
Ukoll xi grokk rum!

NANDINI : Ix-xorb jinżel donnu ghasel,
L-OHRAJN : Iva, grokk kuljum...
NANDINI : Iżda l-flus isbah minn kollox,
L-OHRAJN : Isbah mir-rum!

NANDINI : Meta l-flus ikollok f'idek
Tista' tiekol bhan-nies bukkun!

ILKOLL : Ċik, ċik, ċik, taghmel il-fidda!
Tin, tin, tin, lira tad-deheb!
Basta jkollna l-flus f'idejna,
X'nonfqu u nberbqu minghajr ma nisporpjaw!
Viva d-deheb u viva l-fidda!
Minghajrhom ma taghmel xejn...
Imma biex il-flus ikollok
Jinhtieġ inxammru jdejna t-tnejn!
Ċik, ċik, ċik, ċik, ċik.

(Il-kant jieqaf. Johroġ kulhadd minn barra Remo u Nandini.)

<u>Xena III.</u>

Remo u Nandini.

REMO : (Lil Nandini) X'ghandek? Qieghed narak ftit

imħawwad!

ANDINI : Eħ! Qiegħed naħseb f'missieri li daħal f'xibka kbira!

EMO : U taqtax qalbek! Tara kif kollox imur tajjeb! Minn hawn u sagħtejn oħra l-President jerġa jmur New York u intom tkunu tistgħu titilqu lejn ir-raħal tagħkom. Beati intom!

ANDINI : Imma dik l-invenzjoni li aħna ġejna mill-Isvizzera?...

EMO : U iva! Jivventaw tant praspar fid-dinja biex jaqilgħu il-flus!... Intom veri nies ixxurtjati!

ANDINI : Ixxurtjati? U inti m'intix?

EMO : Jiena xxurtjat?!!!

ANDINI : M'intix qiegħed kuntent hawnhekk?

EMO : Kuntent?! Kieku taf x'ħajja ta' nfern ngħaddu hawn ġew!!...

ANDINI : U trid li nogħgħod jien ukoll! Is-sema jbegħedni minn hawn!

EMO : Għaliex jiena kieku nixtieq niftaħ il-ġwienaħ u nagħmel isem!...

ANDINI : Agħmel isem! Sib xi meżż!

EMO : Meżż kieku għandi!!...

ANDINI : Liema hu?

EMO : Ktib dramm u...

ANDINI : Għat-Teatru tal-pupi?!

EMO : Xejn affattu! Ktibtu biex isir talkies!

ANDINI : Ah! Issa għimtek!

EMO : Ma tafx xi ġmiel ta' dramm!...

ANDINI : Naħseb!...

EMO : Tixtiq tisma' xi xena minnu?

ANDINI : Jiena x'nista' nifhem?

EMO : Tifhmu żgur għax id-dramm huwa appassjonat!

ANDINI : Xlifisser?

EMO : Ma nafx ngħidlek sewwa, iżda naf illi meta

jithabbar xi film appassjonat in-nies tigri bhal mignuna fis-swali taċ-ċinema u tmur kollha f'estasi, ukoll jekk id-dramm ikun hmerija, is-swali dejjem mimlija!... Isma', isma' ftit mid-dramm tieghi! Qieghed hawn fuqi. (Johroġ xi manuskritt mill-but.)

NANDINI : (Wahdu) Nisimghu il-hmerija!!

REMO : Naqralek ix-xena tat-tieni kwadru: "Ermanno jidhol u jaghmel ta' bir-ruhu.

NANDINI : X'jaghmel ta' bir-ruhu?

REMO : U le! Ridt nghid jiċċassa! (Jaqra.) "Jiċċassa bil-harsa tieghu imdawwla mid-dija tad-dawl bajdani tal-qamar, b'ghajnejn imbikkija jixeghlu bil-hmara tad-duka, u bhal ruh iddisprata u qalbu tghum fil-passjoni tal-mibeghda, jisfida 'l ghadu ghad-dwell!"

NANDINI : Fhimtha d-daqqa! Dawn kienu xorbu xi qatra!

REMO : Le, iskot kwiet! Taqtaghlix fil-fil ta'l-arti. "U d-duka b'qalb aristokratika u b'dawk idejh bojod delikati, qabad il-ponta tal-mantell ahdar imdiegheb, u bih ~~ġatta~~ ghatta l-wiċċ musfar minn tieghu ghax qabditu bhal aġitazzjoni.... aġitazzjoni ta'.... Insomma tahwid...!"

NANDINI : Ta' stonku?

REMO : U xi stonku? "...ta' qalb imnikkta u maqsuma bil-ghali! U allura b'lehen gholi ghajjat ghajta ta' ljun feroċi u qal lil ghadu tieghu: 'Ermanno ghidli x'inhu li ghamiltlek?! Iftah qalbek mieghi!' Imma l-iehor ma wieġbux u l-imsejken duka hadha ġo ġildu u baqa' mejjet!" (Jispiċċa l-qari) X'jidhirlek, Nandini, minn dan id-dramm?

NANDINI : Halli nghidlek u tiehux fastidju! Jiena, iżda ma fhimt proprju xejn!

REMO : Kif?!! Dramm appassjonat bhal dan!...

NANDINI : Dak il-hafna kliem diffiċli!...

REMO : Imma dak huwa l-istil tat-tallkies'

NANDINI : Ikun kif qieghed tghid int, imma jienamanafx xi trid tghid bih!

REMO : Kieku nista' naqrah lill-President!!

NANDINI : Aqrahulu!

REMO : M'ghandix kuraġġ!

NANDINI : Ibaghtulu ma xi hadd!

REMO : F'hadd m'ghandi fiduċja!

NANDINI : Ġorru f'karta u poġġihulu fuq l-iskrivanija!

REMO : Bravu, toghġobni! Din hija idea sabieha! Niż-żihajr bil-qalb, Nandini!

NANDINI : M'hemmx imniex, sur Remo!

REMO : Le, le, sejjahli 'Remo'! Ahna s-sema halaqna biex nibqghu hbieb sal-mewt!
(Ikantaw dwett ċkejken bejniethom:)

REMO : Jiena fik insib habib tal-qalb!
NANDINI : Habib iva, veru...
REMO : Habib żgur sinċier li ma jqarraqx!
NANDINI : Żgur qatt ma nitweghru!

REMO : Ohime!
Kemm inhossni feliċi u kuntent!
Hija vera xortu kbira
Li habib ikollok.

NANDINI : Habib tajjeb illi jhobbok;
Minn kull ghawtx ihollok!
REMO : O! Nandini, kemm inhobbok!
Ghalik jien lest biex immut!!

NANDINI : Haġa sbejha...!
REMO u NAN: Tkun habib tal-qalb!
NANDINI : Haġa sbejha...!
REMO u NAN: Tkun habib tal-qalb!

(Il-kant jispiċċa u Nandini u Remo johorġu mill-ġenb. Fil-hin tinstama' qanpiena u ssir tibdil ta' xena. Ix-xena l-ġdida tirrappresenta parti mitt-Teatru fejn jiġbdu l-films. Fix-xena ikun hemm magna li tiġbed il-films, rifletturi u xi apparati ohra mehtieġa. Naha wahda jinsab Remo fuq il-magna u mieghu ikun hemm Guido, Carlo u Giorgio. Fin-nofs ikun hemm il-kor tal-kumparsi flimkien mar-Reġista.)

Xena IV.

Bhal ma ġa ghidna. Reġista, Remo, Guido, Carlo, Giorgio u l-kor li jistghu ikunu nisa u rġiel.)

(Kif ikunu hekk jibdew ikantaw ilkoll. Dan il-kor jissejjah ta' l-artisti u l-haddiema.)

OR : Dawwar u kebbeb
Fuq il-bubina!
Hadd ma jghaddina
Ghax-xoghol tal-Films.
Il-lenti titfa'
Bhal raġġ ta' dija,
Dejjem mimlija
Bl-ghegubijiet!

EĠISTA : Pronti, sinjuri, attenti hawn!
Ejjew 'l hawn biex nibdew.
Il-magna sejra tibda ddur,
Halli nibdew ix-xoghol!...
(Jghajjat.)
Se jibda!!!

LKOLL : (Jimitaw il-hoss tal-magna.)
Tikke, tikke, tikke, tikke, tikke, tik!
Tikke, tikke, tikke, tikke, tikke, tik!
Il-film dawwar u erġa dawwar ghar-ritratt
Ghax il-magna mhux suppost li tieqaf qatt!
Tikke, tikke, tikke, tikke, tikke, tik!
Tikke, tikke, tikke, tikke, tikke, tik!
Ara illi minna ma jiżbalja hadd
Ghax inkella jkollna ngattghu il-kuntratt!
Ghax inkella ngattghu il-kuntratt!

(Hawn il-kant jispiċċa u meta tispiċċa l-musika wkoll jidhlu d-Direttur u l-President.)

Xena V.

President, Direttur u ta' qabel kollha.

DIRETTUR : (Jidhol mal-President.) Poġġi, sur President! Sejrin nuruk ix-xena prinċipali tal-film kbir: "The Story of William Tell." Nibdew bil-kanzunetta ppreparata mill-bravu Reġista taghna.

PRESIDENT : O yes! Tajjeb ferm!

REĠISTA : (Jannunzja.) La Ritoleże... la Reżetilo....la Tiroleże... insomma l-ballu!

DIRETTUR : (Imur ma ġenb ir-Reġista u jghidlu bil-mod.) Ghid darba kelma sura ta' nies!... Il-ballu, sur President!
(Hawn jidhlu xi whud li jistghu ikunu koppji ta' nisa u rġiel libsin kostumi Svizzeri antiki, u li jiżfnu klassiku Svizzeru fil-waqt li l-ohrajn jkantaw fil-fond tax-xena.)

KOR : Fuq il-gholja kollha borra
Nitilghu inkantaw
U bit-tromba naqbdu nharsu
Il-belt kollha naraw!
(Jimitaw il-kant tat-Tiroleże.)
Dui ulili, dui ulili, dui ili ija la le lui lui!
Dui ulili, dui ulili, dui uli ija la le lu!

Nghaddu hajja tal-Beati,
Mhux bhal dik, le, tal-beltin!
Nieklu tajjeb u nixorbu,
Nghixu dejjem ferhanin!
Dui ulili, dui ulili, dui ili ija la le lui lui!
Dui ulili, dui ulili, dui ili ija la le lu!

(Il-kant jieqaf.)

PRESIDENT: O yes, hafna tajjeb!! Tajjeb ferm! Jien inhossni kuntent hafna bikom!

DIRETTUR : U issa nippresentaw il-kewkba l-ġdida taċ-ċinema il-kbir Max Miller u l-famuż ibnu fil-parti tat-tifel fil-film kolossali: "The Story of William Tell"

REĠISTA : Ghaddu, sur Miller, ghaddu!
(Jidhlu Masu u Nandini.)

## Xena VI.

Masu, Nandini u ta' qabel.

(Masu jkun liebes ta' William Tell. Hwejġu kollha mharbta. Nandini wkoll ikun liebes tat-tifel tieghu iżda bhal missieru jkun f'sura m'hix flokha.)

PRESIDENT: (Mistaghġeb) O!!! Dak x'sura hi li hu liebes?!!!

DIRETTUR : (Jaghmel sinjal ta' ddisprat lil Masu biex jirranġa hwejġu u wkoll jghid b'sinjal lil Nandini biex jirranġa ruhu wkoll iżda masu ma jifhmux.)

PRESIDENT: O! X'gharukaża! O yes! Fejn huwa r-Reġista? (Wara li jarah) Inti Reġista ta' l-isem?!...

REĠISTA : Ma... me... mi... mo... mu...!!! (Jibqa' kollu konfuż.)

DIRETTUR : (Irittex li jsewwi kollox bil-gideb.) Imma le, Sur President! Din hija wahda mill-punti ġenjali li jaf jaghmel ir-Reġista. William Tell hu lest biex jaghmel it-terribbli prova tal-vleġġa u naturalment f'da'l-hin ghandu l-menti tieghu mhawda u naturalment ukoll hwejġu ghandhom ikunu mhawdin... insomma disordinati... (Imhawwad) Insomma... insomma...xena fuq in-naturali!

PRESIDENT: (Jibla' kollox u jissodisfa ruhu.) Ah! O! Dan ma kienx ghaddieli minn mohhi! Jekk huwa, allura very well! Tajjeb ferm, Reġista! Inti hu bniedem tassew bravu!

DIRETTUR : (Wahdu) Ooghod! Belaghha!!

REĠISTA : Grazzi! Grazzi! (Jaghmel reverenza.)

DIRETTUR : (B'lehen gholi) Mela issa niġu ghal kant tat-tuffieha! Reġista, fejn hija t-tuffieha?

REĠISTA : Hawn hi! (Inewwel tuffieha ta' Belludja lil Nandini.)

NANDINI : Tuffieha ta' Belludja! Tajba! (Ikun ser jikolha.)

REĠISTA : (Lil Nandini) 'Mma le! 'Mma le! Dik mhux biex tikolha! Dik, dik biex tpoġġiha fuq rasek!

MASU : (Lil Nandini) Attent, ja fekruna! Dik it-tuffieha mhux biex tikolha, dik hija t-tuffieha ta' William Tell!

NANDINI : Ghax, pa, ir-rieha taghha bexqitli l-bieb ta' l-istonku tieghi!...

REĠISTA : Attenti ghall-kanzunetta tat-tuffieha!...

DIRETTUR : Attenti eh! Ghax dawk huma versi tieghi u l-musika tas-surmast taghna. Ghalina, surmast! (Jibdew ikantaw il-kanzunetta tat-tuffieha:)

MASU : Fuq rasek tuffieha ghandek!
ILKOLL : Ara ma tmurx iddur!...
MASU : Stenna l-lanċja ġejja!
ILKOLL : Minn id il-kaċċatur.

MASU : Stenna l-lanċja ġejja
ILKOLL : Minn id il-kaċċatur!
MASU : Jekk jirnexxili nolqotha
ILKOLL : Inti tiġi mehlus!

MASU : Ej! Attent ghat-tuffieha, William!
Ghat-tuffieha, William, ghat-tuffieha, William!
Ej! Attent ghat-tuffieha, William!
Attent, o William Tell!

ILKOLL : Ej! Attent ghat-tuffieha, William!
Ghat-tuffieha, William, ghat-tuffieha, William!
Ej! Attent ghat-tuffieha, William!
Attent, o William Tell!

MASU : Il-mument huwa solenni!
ILKOLL : Ħajtek tinsab f'idejk!
MASU : Jekk inti tharrek rasek,
ILKOLL : Il-mewt tinsab hawn hdejk!

ASU : Jekk inti tharrek rasek,
LKOLL : Il-mewt tinsab hawn hdejk!
ASU : Jekk jirnexxilek tolqotha
LKOLL : Inti tiehu somma flus!

ASU : Ej! Attent ghat-tuffieha, William!
Ghat-tuffieha, William, ghat-tuffieha, William!
Ej! Attent ghat-tuffieha, William!
Attent, o William Tell!

LKOLL : Ej! Attent ghat-tuffieha, William!
Ghat-tuffieha, William, ghat-tuffieha, William!
Ej! Attent ghat-tuffieha, William!
Attent, o William Tell!

(Il-kant jispiċċa hawn.')

RESIDENT: Xi ġmiel! Xi ġmiel! Inhossni msahhar, yes! Komplu!.. Ibdew biex tiġbdu l-film!...

EĠISTA : Ponti... ahem pro... pronti! (Lill-atturi u l-kor) F'postkom ghax-xena tal-vili!...

ASU : Min hu l-vili?!

EĠISTA : U le! Ix-xena tal-vleġġa! Tal-vleġġa! (Jiddisponi x-xena.)
(Il-koristi jinżlu fil-fond tax-xena. F'nofs ix-xena joqghod Masu, quddiemu Nandini bit-tuffieha fuq rasu u hekk jiffurmaw ix-xena ta' William Tell bhal ma jirrappresentawha fl-opra. F'naha wahda joqoghdu l-President, Direttur u Reġista.Fin-naha l-ohra joqoghdu Remo u shabu jaghmluha taparsi qeghdin jiġbdu l-film; jixeghlu r-rifletturi. Sadattant Nandini jipprofitta ruhu u meta jara lil ohrajn ma humiex iharsu, jagbad it-tuffieha, jaghtiha gidma bi snienu u jerġa jpoġġiha malajr ghal fuq rasu.)
(Ikantaw ir-Rumba ta' l-Isparatura.)

ASU : Ibni qalbi, ara tiċċaqlaq!
ANDINI : Le, missier, arani dritt!
ASU : Jekk titharrek żball jien niehu!
ANDINI : Le, missier, kemm inti fitt!

LKOLL : Xena sabieha din tat-tuffieha!
Xena pompuża! Hija vera novita'!
Xena sabieha din tat-tuffieha!
Xena pompuża! Hija vera novita'!

EMO : Ah! Huwa ċkejken artista!
Hwejjeġ kbar nistennew
Minn edana l-attur!
Ghad ikollu futur!...

ASU : Ah! Teżor ċkejken ta' qalbi!
Hwejjeġ kbar nistennew!
Inti taghmel unur....
Ghad taghmilni sinjur!

KOLL : Xena sabieha din tat-tuffieha!
Xena pompuża! Hija vera novita'!
Xena sabieha din tat-tuffieha!
Xena pompuża! Hija vera novita'!

RES DIR
REĠ : Rumba, rumba, rumba, rumba,
Rumba, rumba, rumba, rumba, rumba!

ASU : Nandini, ogghod ftit iehor!
ANDINI : Niddejjaq jien issa bdejt!
ASU : Hu paċenzja, Nandini tieghi!
ANDINI : Kif nista' jekk jien ghajjejt?!

KOLL : Xena sabieha din tat-tuffieha!
Xena pompuża! Hija vera novita'!
Xena sabieha din tat-tuffieha!
Xena pompuża! Hija vera novita'!

ULHADD : (Final)
Ah! Huwa ċkejken artista!
Hwejjeġ kbar nistennew'
Minn edana l-attur!
Ghad ikollu futur!...

(Il-kant jieqaf hawn.)

IRETTUR : (Malli tispiċċa l-musika jghid b'lehen gholi:)
Issa nitlobkom attenzjoni ghat-tefgha tal-vlegga!

EĠISTA : (Jordna.) Wiehed!... Tnejn!... (Jinduna li t-tuffieha m'ghadhiex fuq ras Nandini.) Imma l-fettieha... ċioe' t-tuffieha fejnha?

ANDINI : (Immortifikat juri l-biċċa tat-tuffieha li jkun ghad baqaghlu f'idu.)

IRETTUR : Kiltha??!!!

ASU : X'ghamilt, bin il-fekruna?

IRETTUR : (Isikket malajr lil Masu.) Silenzju!

RESIDENT: (Jidhak.) B'aptitu l-boy! O yes, very good,boy!

IRETTUR : (Wahdu) Ogghod! Ma hadhiex bi kbira!

RESIDENT: Malajr, ġibu tuffieha ohra!...

EĠISTA : Ma fadalx aktar!

IRETTUR : Ġibu xi haġa ohra! (Ifittex fil-but u johroġ patata.) Ha! (Jaghtiha lil Nandini.)

EĠISTA : Tapa... pata... tapa... patata?!

IRETTUR : Iva patata! Din min sejjer jaghrafha minn tuffieha? U hekk it-tifel ma jikolhiex! (Nandini jpoġġi l-patata fuq rasu.)

REĠISTA : (Lill-impjegati) Isaw! Lestu... attenti! Massinjal dawwru!
(Fil-waqt bhal sajjetta jidhol fuqhom Pikenink.)

Xena VII.

Pikenink u ta' qabel.

PIKENINK : (B'lehen gholi) Kulhadd jieqaf!

ILKOLL : (Mahsudin) X'inqala'?

PIKENINK : (Jimxi 'l quddiem.) Hadd ma jitharrek!

REĠISTA : (Konfuż ghall-ahhar) Hadd ma jġaqċaq... jiċċaqlaq? U dan ghaliex?

PIKENINK : (Solenni) Meta jiena nghid 'jieqfu' ifisser li hadd m'ghandu jiċċaqlaq!

REĠISTA : Jiċċ... jiċċ... jiċċaqlaq!

PRESIDENT : O yes, 'mma!...

DIRETTUR : (Lil Pikenink) Sinjur, nista' naf xi tridminn hawn?

REĠISTA : Mela x'inhu! Saffrillna.... ahem..fissrilna!

DIRETTUR Ghall-inqas ghidilna ma min ghandna l-unur li nitkellmu!...

PIKENINK : Min jien?! (Solenni) PIkenink!!!

ILKOLL : (Bla ma jifhme xejn) Pikenink?!!

PIKENINK : Iva, Pikenink, iċ-ċelebri... anzi l-aktar ċelebri detective tad-dinja! Li ghandu naska ta' kelb tal-kaċċa, harsa ta' seqer, hażin daqs vòlpi u ghandu sahha ta' ljun!

MASU : (Wahdu) Dan ġej mir-razza ta' l-annimali!!
(Pikenink ikanta s-Sortita tieghu flimkien malkor.)

PIKENINK : Jekk hu misteru
U tassew veru,
Jehtieġ li nasal biex nifhem il-kas!...

ILKOLL : (Jghajtu minn barra.)
Pikenink!!!

KENINK : Jekk jirnexxili
Naqbad il-vili!!...
Jehtieġ li nhaddem bil-ghaqal din ir-ras!

KOLL :Naska ghandek tajba ferm
Daqs ta' ġurdien mill-kbar!...
Ras ta' detective int ghandek
U mhux ta' hmar!
Fejn tersaq int, sinjur
Ma hemmx sigriet ghalik,
Ghaliex hadd ghadu
Ma dahak, le, bik!

KENINK : Qalb id-delitti,
Serq u konflitti,
Jiena sibt ruhi mhux darba u tnejn!...

KOLL : (Jghajtu minn barra.)
Pikenink!!!

KENINK : Kull fejn nagixxi
Dejjem nirnexxi!
Qatt ma herriktħom idejja ghal xejn!

KOLL : Naska ghandek tajba ferm
Daqs ta' ġurdien mill-kbar!...
Ras ta' detective int ghandek
U mhux ta' hmar!
Fejn tersaq int, sinjur
Ma hemmx sigriet ghalik,
Ghaliex hadd ghadu
Ma dahak, le, bik!

(Il-kant jieqaf hawn.)

RETTUR : Detective? Imma xi tfisser din il-vista hekk ghall-gharrieda?

KENINK : Motiv gravi! Urġenti li nghidu biss lill-mexxejja ta' dan l-istabbiliment! (Lid-Direttur)Int wiehed mill-mexxejja?

RETTUR : U żgur! Jiena huwa wiehed mid-Diretturi tal-belt ta' Hollywood u hawnhekk ghandna l-President ta' l-"Extra Film Company"!

KENINK : Tajjeb! Ghandi pjaċir! Issa nitlobkom tibaghtu dawn in-nies 'il barra!

RETTUR : Sinjuri, nitlobkom tohorġu!
(Il-korijiet johorġu.)

ĠISTA : Imma jiena... jiena?!

KENINK : Int min int?

ĠISTA : Jiena hu... hi... ja... jien!...

PIKENINK : Ghidli! Inti wiehed mill-mexxejja? Weġibni! Iva jew le!

REĠISTA : (Imhawwad) Jiena diġillenti!...Diriġenti!.. Le!... Jiena hu r-Reġista!...

REMO : Dak huwa r-Reġista u jiena huwa dak li jiġbed il-films!

PIKENINK : Tajjeb! U dak is-sinjur? (Juri lil Masu.)

REĠISTA : Dak huwa l-Protagonista William Hell........ Bell... Tell...!

REMO : Dak huwa l-attur Max Miller!

MASU : (Wahdu mbeżża') X'ghajnejja imberqin ghandu!

DIRETTUR : U issa spjega ruhek, sur Detective!

PIKENINK : Isimghu bl-akbar attenzjoni; u meta nghid 'Attemzjoni' irrid infisser 'oqoghdu attenti'! L-Aġenzija tieghi ta' l-Informazzjoni ġiet infurmata li fl-istabbiliment taghkom ser tiġri disgrazzja kbira!

ILKOLL : Disgrazzja kbira?!!!

PIKENINK : Silenzju... u isktu kwieti!... Il-kumpanija ċinematografika...

REĠISTA : Ċiminiċigrofika... ċigrofika!..

PIKENINK : Ghidt 'silenzju'! Il-Kumpanija ċinematografika "Cinestar Corporation", l-ghadu taghkom, qeghdha thejji attentat kontrikom!

ILKOLL : Attentat?!!!

MASU : Ix-xjafek! Mela hawnhekk ma ninsabux fissigur!...

NANDINI : Tara, pa?!... Ghidtlek jien! Ahjar nitilqu lejn id-dar!

PIKENINK : Iva, sinjur! Il-hajja taghkom tinsab f'i lperiklu!!!....

REĠISTA : Kaspitina!... Kaspitana!... Kasperina!

MASU : Jiena sejjer nitlaq!

DIRETTUR : Ma jkun qatt li inti thallina!

PIKENINK : Ghadda minn dawn widnejja li wiehed m i n n tal-Kumpanija "Cinestar Corporation" ġie nkarigat li jisplodi bomba f'dan l-istabbiliment taghkom u ghalhekk jiena ninsab hawnhekk!

ILKOLL : Bomba?!!!

REĠISTA : (Imwerwer) Bomblu... bombola... Bo... Bo.... Bomba?!!

MASU : Jiena sejjer! Ibni, imxi mmorru!

DIRETTUR : Kif? Għandek il-ħila tittradina? (Iżommu.)

MASU : Jiena ma rridx nitfarrak bil-bomba!!

DIRETTUR : Nagħtik mitt dollaru lehor!...

PRESIDENT : Bomba, eh! Punf-f-f-f?!! O yes, 'mma!

PIKENINK : Ma hemmx għalfejn tibżgħu! Hawn jiena nagħmel tajjeb! Naf jien kif għandi naqbad il-brikkun. Isimgħuni u nagħtikom malajr prova tal-ħila tiegħi! Ħalluni naħsibha ftit! Hekku! Il-kasi huma tnejn: jew l-assassin li bi ħsiebu jisplodi l-bomba jinsab ga' moħbi hawn, jew ma jinsabx hawn!

MASU : B'dan il-mod żgur li ma tiżbaljax! Jew jinsab hawn jew ma jinsabx hawn!

PIKENINK : Isktu kwieti u ħalluni naħsibha! (Jibda biex ikanta l-kanzunetta ta' l-inkjesta ma l-oħrajn)

Jekk hu hawn il-kasi huma tnejn!
Nikxef l-awtur
Jew ma nikxfux!

L-OĦRAJN : Ah!!!

PIKENINK : Jekk mhux hawn il-kasi huma tnejn!
Jew dalwaqt jiġi
Jew ma jiġix!

L-OĦRAJN : Kif???

PIKENINK : 'Mma bin-naska tiegħi ta' detective...
Ta' detective,
Ibqgħu żguri li fl-ixkora
Aħna ndaħħluh,...

L-OĦRAJN : Jew ma ndaħħluhx...

PIKENINK : Jew indaħħluh...

L-OĦRAJN : Jew ma ndaħħluhx...

PIKENINK : Tuni żmien naħsibha!

L-OĦRAJN : 'Mma bin-naska tiegħek ta' detective...
Ta' detective,
Nibqgħu żguri li fin-nassa
Aħna ndaħħluh,...

PIKENINK : Jew ma ndahhluhx...

L-OHRAJN : Jew indahhluh...

PIKENINK : Jew ma ndahhluhx...
(Dan il-kliem li ġej issa mhux bil-kant.)
Iva tuni ż-żmien halli nahsibha ghaliex il-kasi huma tnejn, iva jew le!
(Jkompli l-kant.)

ILKOLL : Iva ndahhluh!
Le, ma ndahhluhx!

(Il-kant jieqaf hawn.) (Meta tispiċċa l-musika jinstama' hoss kbir minn ġewwa.)

ILKOLL : Il-bomba!!! (Jinqatghu kollha.)

REMO : (Imur ihares ġewwa u jerġa jidhol.) Sur Direttur, waqa' r-riflettur l-ahmar u nkisret il-lampa!

ILKOLL : (Jiehdu n-nifs.) Ahhhhhhh!
(Johorġu u jibqghu fix-xena l-President u d-detective.)

## Xena VIII.

Bhal ma ghidna: President u Pikenink.

PRESIDENT : Sur detective!

PIKENINK : X'tixtieq?

PRESIDENT : Inti bi hsiebek taqbad il-bniedem bomba?

PIKENINK : Il-bniedem bomba??

PRESIDENT : Yes! Dak li ghadek kemm semmejt!...

PIKENINK : Fhimtek, il-bniedem tal-bomba, li ghandu jisplodi l-bomba!

PRESIDENT : Yes, very well! Ghandek f'mohhok li taqbdu?

PIKENINK : U żgur li naqbdu!

PRESIDENT : Malajr?

PIKENINK : Eh! L-ewwel irrid infittxu!

PRESIDENT : Jiena nixtieq illi ssibu malajr!

PIKENINK : Malajr! Imma...?

PRESIDENT : Inhalsek kemm trid, basta li taqbdu malajr!

PIKENINK : X'inhu ġej?

PRESIDENT : Hekku ha! Aqbad f'idek! (Jaghtih cheque.)

PIKENINK : Per carita'!...

PRESIDENT : Hekk imur! Int taqbad lilu u jien inhallas!

PIKENINK : La darba hu hekk tista' tkun ċert li naqbdu!

PRESIDENT : Imma malajr?!

PIKENINK : Issa dalwaqt!...

PRESIDENT : Mela ha cheque iehor! (Jaghtih iehor.)

PIKENINK : Cheque iehor? Issa aktar naqbdu malajr u narrestah!

PRESIDENT : Imma proprju malajr?

PIKENINK : Ftit minuti ohra!...

PRESIDENT : Ha cheque iehor! (Jaghtih cheque iehor.)

PIKENINK : Issa mhux narrestah biss imma niddumenzjah!

PRESIDENT : Malajr?

PIKENINK : Mhux malajr, bhal sajjetta!

PRESIDENT : Ha! (Jaghtih cheque iehor)

PIKENINK : Naqbdu u minn hawn dritt ghall-habs!

PRESIDENT : Malajr?

PIKENINK : Malli naibu!...

PRESIDENT : Cheque iehor! (Jaghtih iehor.)

PIKENINK : Jiena nikkundannah ghall-mewt!

PRESIDENT : (Hawn jiċċassa.) Imma hekk malajr?

PIKENINK : Malajr!

(Il-President ikun sejjer jaghtih cheque iehor u Pikenink jilqa' idu biex jiehdu.)

PRESIDENT : Issa hej, biżżejjed!!

PIKENINK : (Wahdu) Xi dnub!...

(Fil-hin jidhol id-Direttur.)

Xena IX.

Dirattur u ta' qabel u wara r-Reġista, Remo u Guido u wawa Nandini wkoll.

DIRETTUR : (Jidhol.) Sur President, aħna lesti sabiex nigbdu x-xena ta' l-arrest ta' William Tell!

PRESIDENT : Arani ġej! (Idur fuq Pikenink.) U inti?

PIKENINK : Ħallini nagħmel jien!

PRESIDENT : Malajr?

PIKENINK : Mill-aktar fis!

REĠISTA : (Jidħol kollu affannat.) President! Direttur!

DIRETTUR : X'inqala'?

REĠISTA : William Tell, baħħ! Sparixxa! Sparixxa!

L-OĦRAJN : Sparixxa?!

REMO : (Jidħol.) Lil William Tell ħadd ma sabu!

PIKENINK : Jekk għadu kemm ħareġ minn hawn?!

DIRETTUR : Mela ara li ħarab?...

REMO : Pero' ibnu għadu hawn u jinsab bħal wieħed iddisprat!

GUIDO : (Jidħol jiġri.) Ma nistgħux insibuh!...

DIRETTUR : Din hija gravi!

PRESIDENT : O yes, gravi!

PIKENINK : Silenzju! Ħalluni naħsibha! Il-Protagonista għeb u meta ngħid 'għeb' jiġifieri sparixxa u minn dan għandna nifhmu li m'għadux hawn. Għax ħallini ngħidilkom: il-każi huma tnejn, jew għadu hawn jew m'għadux hawn!...

NANDINI : (Jidħol jiġri.) Il-pa tiegħi! Il-pa tiegħi! Fejn huwa? (Jibki.)

PIKENINK : Silenzju! Ħalluni naħsibha ftit! Nistudjaw il-qagħda! Iva, hekk hu, sibtha! Ġurdien!

REĠISTA : Ġurdien! Ġurdien! (Maqtuħa)

DIRETTUR : X'ġurdien hu?

REĠISTA : M'hux hu qal 'ġurdien'?

PIKENINK : 'Mma le! Jiena ridt nghid li dahal hawn xi gurdien xih u serqilkom il-prim attur taghkom!

DIRETTUR : Imma min sata' serqu?

PIKENINK : L-ghedewwa taghkom tas-"Cinestar"!

DIRETTUR : Mgharrqin!! Biex ihassrulna l-progett tal-film!

PIKENINK : Naturalment! O! In-naska tieghi! Hassejt jien li sejra tigri xi haga kbira hawn gew!...

DIRETTUR : Hemm bżonn li niehdu passi!...

PIKENINK : Mument! Halluni nahsibha ftit! L-ghedewwa serqu lil Max Miller, ghalhekk jinhtieg li nehilsuh qabel ma l-ghedewwa jaghmlu minnu l-vendetta! Malajr! Hejju lill-impjegati taghkom kollha! Imxu mmorru! Taraw kif la darba h a w n jien l-ghadu jaqa' taht idejna; u meta nghidilkom 'hawn jiena' ifisser li qieghed hawn u ma ninsabx band'ohra!
(Kulhadd johrog jigri minnbarra Nandini li ghadu f'rokna tax-xena jixxotta d-dmugh bil-pala ta' jdejh.)

NANDINI : (Jibda jkanta r-Romanza tieghu.)
Fejn tinsab, mahbub missieri?
Wahdi go deżert hallejtni!
Missier tieghi, kif insejtni?
Ma nafx fejn ninsab!
Minghajrek mitluf inhossni,
Bhal iltim bikkejt ghajnejja!
Irridek dejjem hawn, hdejja;
Thallini qatt!
Missier, fittex ejja hdejja,
Bewsa tini fuq ghajnejja!
Minghajrek ma jiena xejn,
Ixxuttali dawn l-ghajnejn!
Minghajrek ma jiena xejn,
Ixxuttali dawn l-ghajnejn!

(Il-kant jieqaf hawn u Nandini johtog.) (Jidhlu Pikenink, President, Direttur, Regista, u Remo jidhol ukoll mill-fond mal-korijiet nisa u rgiel)

<u>Xena ta' L-ahhar.</u>

Pikenink, President, Direttur, Regista, Remo u korijiet.

(Jidhlu kollha fuq ponot subajhom bhal fila Indjana bhal min qieghed ifittex lil xi hadd.

PIKENINK : Attenti! Attenti!

(Kulhadd iħares bħal min qiegħed ifittex.)
(Pikenink, il-President, Direttur, ir-Reġista u Remo jibdew ikantaw.)

Għajnejn miftuħa,
In-naska wieqfa!
Id-detective ifittex
Bejn il-bibien!
Bniedem ta' ħila,
Bil-wisq kapaċi;
Imnieħru jdeffes
Żgur kullimkien!

KOR : Għajnejn miftuħa,
In-naska wieqfa!
Id-detective ifittex
Bejn il-bibien!
Bniedem ta' ħila,
Bil-wisq kapaċi;
Imnieħru jdeffes
Żgur kullimkien!

(IL-PURTIERA TINAGĦLAQ MALAJR.)

TMIEM TA' T-TIENI ATT

o
ooo
ooooo
ooooooo
ooooooooo
ooooooooooo
ooooooooooooo
ooooooooooooooo
ooooooooooooooooo
ooooooooooooooooooo
ooooooooooooooooooooo
ooooooooooooooooooooooo
ooooooooooooooooooooo
ooooooooooooooooo
ooooooooooo
ooo
o
ooooo
ooooo
ooooo
ooooo
ooooooo

## FIL-BELT TA' HOLLYWOOD

## IT-TIELET ATT

Ix-xena hi l-istess bhal dik ta' l-Ewwel att iżda insibu wkoll 5 siġġijiet imqegħdin nofs qamar f' nofs il-palk.)

### Xena I.

Pikenink, President, Diradded, Reġista u Remo.

(Pikenink jinsab f'nofs il-palk hosbieb.)

DIRETTUR : (Jidhol mill-ġenb.) X'għamilna?

PIKENINK : (Jagħmillu sinjal biex joqgħod kwiet.) Psss..!

REMO : (Jidhol mill-ġenb l-iehor.) Sibtu?

PIKENINK : (Jagħmillu sinjal biex jidhol.) Psss..!

REĠISTA : (Jidhol minn ġenb.) Hemm xi haġa mill-ġdid?

PIKENINK : (Jagħmillu sinjal biex jiskot ukoll.) Psss..!

PRESIDENT : (Jidhol.) O yes, 'mma!...

PIKENINK : Psss..! Psss..!
(Kollha jersqu ma ġenb Pikenink.?
Halluni nahsibha ftit!
(Kollha jpoġġu bil-qegħda.)

(Hawnhekk jerġa jirripeti ruhu l-kant tas-7 xena jiġifieri l-kanzunetta ta' l-inkjesta. Din tinsab f'paġna 44.)

(Wara li din tispiċċa l-istess hamsa jkantaw ir-Ripresa ta' din il-kanzunetta.)

PIKENINK : (Bi kliem irreċitat)
Sagħtejn ilna nfittxu għal xejn misterjożament
Dawn in-nies!

DIRETTUR : (Ikanta.) Dan huwa gravi!

ILKOLL : (Ikantaw.) U kemm hu gravi!!...

PIKENINK : (Prosa) Halluni nahseb ftit!...
(Wara pawsa)

REĠISTA : (Jirreċita.) X'hin tahseb li konna bdejna taj-
/jeb?

PRESIDENT : (Ikanta.) O yes, 'mma! O yes, 'mma!

PIKENINK : (Prosa ) Halluni nahseb ftit!...

REMO : (Jirreċ.) Imma fejn mar?

DIRETTUR : (Jirreċ.) Marx lejn id-dar?...

REĠISTA : (Jirreċ.) Biċċa ta' hmar!

PRESIDENT : (Jirreċ.) Bhal ghasfur tar!

REMO : (Accordo) Mah!

DIRETTUR : (Accordo) Mah!

PRESIDENT : (Accordo) Mah!

PIKENINK : (Prosa ) Silenzju, sinjuri!...

ILKOLL : (Ikantaw) Halluh jahsibha ftit!...

(Il-kant jieqaf hawn.)

REMO : Saghtejn infittxu ghal xejn! Dak ir-raġel ma jidhirx aktar!

DIRETTUR : Din hija tassew gravi! Hallasna l-flus ghal rih bla xita!

PIKENINK : Psss..! Halluni nahseb!...

REĠISTA : X'hin tahseb li konna bdejn hekk tajjeb!...

PRESIDENT : O yes, 'mma, o yes, 'mma!...

PIKENINK : Psss..! Halluni nahseb!...

REMO : Imma fejn sata' mar?

DIRETTUR : Fejn sata' mar?

REĠISTA : Fejn sata' mar?

PRESIDENT : Fejn sata' mar?

REMO : 'Mma!

DIRETTUR : 'Mma!

PRESIDENT : 'Mma!

REĠISTA : 'Mma!

PIKENINK : Psss..!

ILKOLL : Halluh jahsibha!...

PIKENINK : Sinjuri, jiena hsibtha! Jiena fittixt u jiena

ghidtilkom!...

ILKOLL : X'ghidtilna?

PIKENINK : Hekku, hawn reġa waqa' taht idejna!
(Kulhadd jistaghġeb. )
Mela, sinjuri! Il-kewkba Protagonista li kellu jirrappresenta lil William Tell jinsab fostna!

ILKOLL : Kif??? Kif???

PIKENINK : Irrid nghid, halli nergaw neżaminaw daqsxejn il-kas: William kien qiegħed hawn, johroġ u jidhol maghkom, imbaghad huwa dahal ghal mument fil-kamrin tieghu; ir-Reġista jmur biex issejjahlu biex jibda jittiehed il-film u ma jsibux aktar, hadd ma rah aktar u hadd ma jaf x e j n fuqu....

DIRETTUR : U sejjahtilna segretament hawnhekk biex tirrakkontalna din il-hmerija?!!

PIKENINK : Ghaliex it-tfittix ghandu jsir sistematiku!

DIRETTUR : Iva, imma b'dan kollu wara saghtejn tahbit ghadna fejn konna!... L-attur taghna ghadu ma nstabx.

PIKENINK : Nergaw inhejju pjan ġdid ta' tfittix iehor..

PRESIDENT : (Lil Pikenink) O yes, jiena minn hawn u nofs siegha ohra jinhtieġli nitlaq bl-ajruplan ghal New York u inti sa kwart'ohra trid issibli lil William Tell...

PIKENINK : 'Mma!...

PRESIDENT : Jekk sa kwart'ohra ma ssibux nitolbok tatini l-flus lura!...

PIKENINK : Kif???

PRESIDENT : Da'żgur! Jiena hallastek biex issibli l-prim attur! Jekk ma ssibux erġa tini dawk iċ-cheques li tajtek!

DIRETTUR : Ippermettili, Sur President!...

PRESIDENT : (Lid-Direttur) Sur Direttur, inti tista' titlaq 'il barra!...

DIRETTUR : Kif???

PRESIDENT : (Lir-Reġista) Inti tista' titlaq ukoll!...

REĠISTA : Jiena??

PRESIDENT : Yes! Intom ma tehdux l-interessi li ghandkom

tiehdu ghall-Kumpanija taghna. M'intom tajbin ghal xejn u ghalhekk tistghu titilqu 'l barra!

DIR. REĠ. : 'Mma!...

PRESIDENT : Kwart'ohra biss nistenna....

DIR. REĠ. : Sur President,...

PRESIDENT : Marridx nisma'. Jiena illiċenzjàjtkom! Daqs kwart'ohra u barra mill-istabbiliment! G o o d Bye! (Jitlaq b'heffa.)

REĠISTA : Kaspitina! Din hija kaxxa nfernali!

DIRETTUR : Illiċenzjati! Inhossni naqa' minn fuq sur!!

REMO : Sur Detective, jinhtieġ assolutament li sa kwart'ohra int issib il-kewkba taċ-ċinema....! Irrid nghid lil Max Miller li ghandu jaghmel il-parti ta' William Tell, altrimenti...!

PIKENINK : Tajtkom kelma li nsibu. Imxu mieghi! Il-Pulizija qeghdha tfittex b'hilitha kollha!...

DIRETTUR : Iva, intom dejjem hekk! Meta ma tirnexxux tghidu li hemm il-Pulizija qeghdha tfittex!... Jinhtieġ li wiehed ikun filosofu u jkun żgur mill-fatti tieghu!
(Johroġu lkoll minbarra Remo.)

Xena II.

Remo wahdu u wara Nandini.

REMO : Fjask fuq l-iehor! Issa nistenna li jilliċenzjaw lili!...

NANDINI : (Jidhol.) Remo, Remo! Missieri fejn hu?

REMO : O! Mahbub Nandini! Ghadna ma nafu xejn fuq missierek!

NANDINI : Jiena qieghed nibża' li ġralu xi haġa!...

REMO : U x'inti tahseb?!

NANDINI : Imma ghaliex ma samax minni meta ghidtlu BIEX IMMORRU lejn id-dar?! Huwa halla l-flus jirbhulu qalbu, ried jaghmel isem quddiem id-dinja, u issa min jaf fejn jinsab?!!

REMO : Nandini, aghmel kuraġġ!... La thallix lin-JIRBHEK! Inti ghandek raġun ghaliex thoss ru-hek wahdek... ukoll jiena nhossni miblugh kif

sata' gheb missierek!... Tant insib ruhi mhawwad li wara l-kunsill li inti tajtni kont poġġejt id-dramm tieghi f'karta biex naghtih lill-President u f'daqqa wahda ma rajtux iżjed!... Ma nafx fejn poġġejtu... tifhimni? Id-dramm tieghi intilef u forsi ma nsibux aktar!...

NANDINI : X'jimpurtani mid-dramm!... O! Ahfirli, Remo!. Inqas naf x'jiena nghid imhabba t-telfa minn ta' missieri!...

REMO : Nikkumpatik, imsejken Nandini! Iżda la taqtax qalbek! Jien inhoss x'jghidli li kollox jispiċċa b'wiċċ il-ġid. Emmen ghall-kliem ta' wiehed habib tieghek!... Tiftakar meta ghamilna l-ewwel konoxenza?

(Hawnhekk jerġa jirrepeti ruhu l-kant tat-tielet xena tat-Tieni Att jiġi fieri d-dwett bejn Remo u Nandini. Dan jinsab f'pagna 35.)

(Wara li din tispiċċa l-istess tnejn ikantaw ir-Ripresa ta' dan id-dwett.)

REMO : Minn di'r-rabta ta' l-imhabba
Żgur li hadd ma jhollna!

NANDINI : Ahna, iva, hbieb tal-qalb
Minn dejjem konna!

REMO : Tkun l-imhabba li twassalna
Ġewwa t-triq tal-Ġenna!

REMO NAN. : Fejn insibu dik il-belt ta' l-hena!

(Il-kant hawn jispiċċa u Remo u Nandini johorġu)

## Xena III.

President, Pikenink u wara Guido.

PRESIDENT : (Jidhol ma Pikenink.) Sur Detective! X'ghamilt?

PIKENINK : Sagristija!!... X'tahbita dik!

PRESIDENT : Sibtu?

PIKENINK : Ma sibtux!!

PRESIDENT : (Ihares lejn l-arloġġ.) Minuta ohra, u jekk ma ssibux erġa aghtini dawk il-flus lura!

PIKENINK : 'Mma!...

PRESIDENT : Minuta ohra ghidtlek!...

PIKENINK : Fejn tridni mmur insibu?

PRESIDENT : Silenzju! Hamsin sekonda oħra!

PIKENINK : Għandi qalb inħabbat rasi mal-ħajt!

PRESIDENT : Ah! O!... Tista' tħabbatha!... Erbgħin sekonda .... Tletin sekonda....

GUIDO : (Jidħol jiġri.) Sur Detective! Ħawn, hawn ma ma ġenbna f'dar ċkejkna qegħdin jinstamgħu ħsejjes u għajjat ta' bniedem qiegħed jivga! Ġewwa kaxxa! Ġewwa kaxxa!

PIKENINK : O! Eh! Ih!... Iva, mela huwa, ċert! William Tell qiegħed jivga! Issib li rabtuh u rabtulu ħalqu wkoll! Sibtu! Vittorja!!! (Jitlaq jiġri ma Guido.)

PRESIDENT : Tajjeb! Għad fadal sewwa sew ħmistax-il-sekonda ... għaxar sekondi... ħames sekondi...! (Jibda jkanta l-kanzunetta tiegħu.)

Jiena nħobb nara x-xogħol
Isir hekk malajr!
Dan hu l-ħsieb tiegħi
T'Amerikan!

Nogħla bħat-tajr!
Paġi kbar, ħlas fil-pront!...
Min jaħdem miegħi
Tajjeb jgħaddiha
T'Amerikan!

O yes, 'mma!.. O yes, 'mma!
Nobgħod il-għażż!;
Min jibqa' ċass!
O yes, 'mma!.. O yes, 'mma!

Iż-żmien għaddej
U ma jsir xejn!
Fl-Istati Uniti
Kulħadd ixammar;
Il-ħaddiem jgħammar
Jekk ikun 'smart'!

Fi ftit minuti
Taqla' l-miljuni..!
Mhux le l-brikkuni
Jibżgħu mill-bard!

O yes, 'mma!.. O yes, 'mma!
Nobgħod il-għażż!;
Min jibqa' ċass!
O yes, 'mma!.. O yes, 'mma!

Iż-żmien għaddej
U ma jsir xejn!
Jekk il-but ma fiehx flus,
Għidli, ntik fil-pront
T'Amerikan!
Nagħtik akkont!

Jekk trid cheque dollars, yes,
Għandi kemm trid!
U bla ftaħir,
T'Amerikan!

O yes, 'mma!.. O yes, 'mma!
Nobgħod il-għażż!;
Min jibqa' ċass!
O yes, 'mma!.. O yes, 'mma!

Iż-żmien għaddej
U ma jsir xejn!
Fl-Istati Uniti
Anke' l-brikkuni
Jagħmlu l-miljuni,
U fi ftit żmien!

Il-millunarji
F'riħ minn ta' siegħa
Inaddfu qigħa
Għall-felliment.

O yes, 'mma!.. O yes, 'mma!
Nobgħod il-għażż!;
Min jibqa' ċass!
O yes, 'mma!.. O yes, 'mma!

Iż-żmien għaddej
U ma jsir xejn!

O yes, 'mma!.. O yes, 'mma!
Nobgħod il-għażż!;
Min jibqa' ċass!
O yes, 'mma!.. O yes, 'mma!

(Il-kant jieqaf hawn.)

<u>Xena IV.</u>

President, Pikenink, u wara Masu.

PIKENINK : (Jidħol jiġri.) Sur President! Sur President! X'kixfa ta' l-għaġeb! Taf min kien hemm ġewwa dik il-kaxxa?

PRESIDENT : Il-Kewkba taċ-Ċinema?

PIKENINK : Le, kien hemm ħmar!!!

PRESIDENT : Ħmar?!!

PIKENINK : Malli ftaħt l-għatu tal-kaxxa beda sejjer: (Jibda jinħaq bħall-ħmar.) Ih! Oh! Ih! Oh!

PRESIDENT : Ah! Ih! Oh! Ih! Oh!

PIKENINK : Imsejken, kien hemm magħluq jinħaq u jagħti biż-żewġ!!...

PRESIDENT : Mela ma kienx il-Kewkba taċ-Ċinema?

PIKENINK : Tassew ħaġa stramba! Imma ma jidhirlekx li dan huwa misterju? Ħmar magħluq ġewwa kaxxa?!!...

PRESIDENT : Iva! 'Mma ntant inti sibt il-ħmar u għadek ma sibtx lil min qegħdin infittxu!...

PIKENINK : Mument wieħed! Ħallini naħsibha ftit!.... Ah! Hekku! Dak il-ħmar m'hux aktar misterju! Dak il-ħmar huwa bomba!

PRESIDENT : Bomba?!!

PIKENINK : Mela x'inhu! Lil dak l-annimal bellgħuh xi sustanza esplusiva, u xi id xellerata għalqitu f'dik il-kaxxa ma ġenb l-istabbiliment. Dik is-sustanza esplusiva fl-imsaren tal-ħmar tixxarrab, bil-gas tibda taqbad, il-ħmar jisplodi u hekku l-istabbiliment itir fl-ajru!

PRESIDENT : O yes! Fl-Amerka jsiru dawn l-affarijiet!

PIKENINK : Dan huwa veru pjan tad-demonji! O! In-naska tiegħi!...

PRESIDENT : O yes, 'mma!...

PIKENINK : Imma issa jinħtieġ li nieħu passi! Jien issa sejjer hemm noqtol lill-ħmar, nifthu u noħroġlu dak li għandu fl-istonku tiegħu!

MASU : (Joħroġ mill-moħba tiegħu. Ikun jew taħt il-palk jew bejn il-kwinti.) Le! Lill-ħmar tiegħim'hu sa jmissu ħadd!!

PIKENINK : Int?!

MASU : Il-ħmar huwa tiegħi!... U rrid naf x' daħħalt f'rasek bil-bomba u mhux bomba!

PIKENINK : Imma min għalqu hemm dak il-ħmar? U lilek min għalqek f'dik il-moħba? Il-ħallelin?

MASU : U x'ħallelin? Jien dħalt nistaħba hemm ġewwa MINN JEDDI!

PIKENINK : U dan għalfejn inħbejt hemm ġew?

MASU : Għaliex bżajt! Mela bżajt! Meta smajt lilek titkellem fuq l-attentat sibt moħba u dħalt ġo fiha. Smajt il-kliem tagħkom kollu; smajt ukoll il-biki ta' ibni Nandini, miskin! Ridt kieku niġi nikkonfortah, imma l-biża għelibni!...Imma x'ħin smajt li sejjer toqtolli l-ħmar ma flaħtx iżjed u ħriġt mill-moħba tiegħi. Imma issa żgur nitlaq għax ma niflaħx iżjed nagħmilha ta' pulċinell!.. Jiena m'hinix attur. Ħalluni nitlaq!... Fejn hu ibni? Lil ibni jien irrid!... Fejn hu ibni Nandini?! (Isejjaħ.) Nandini! (Joħroġ jiġri.)

PRESIDENT: X'ikun dan it-taħwid? Il-Kewkba taċ-Ċ i n e m a m'hux attur? Ma hux il-famuż Żvizzeru Max Miller?

PIKENINK : Dan huwa bniedem misterju!...

PRESIDENT: O yes, u int bit-tfittix tiegħek kollu ma kellekx ħila tinduna li hemmhekk kien hemm bniedem moħbi!...

PIKENINK : Dejjem hekk jiġri! Meta wieħed jaħseb għall-imprizi kbar, iż-żgħar ma jagħtix kas tagħhom!

PRESIDENT: (B'disprezz) X'razza ta' detective! Pufff!... (Joħroġ mill-ġenb.)

PIKENINK : Dan huwa misterju! Mela x'inhu!... B n i e d e m misruq li ma kienx misruq!... Bniedem attur li ma hux attur!... Ħmar ikkargat li ma kienx ikkargat! ... Kos! Ħalli nara! Ma kienx dan stess il-ħalliel, hux? Forsi ġie mill-Isvizzera hawnhekk fl-Amerka biex jagħmel xi kolp!... Minn kliemu!.... Mill-ħarsa!... Hmmm!... Qiegħed jissuspettani!..

## Xena V.

Guido, Carlo, xi wħud mill-koristi u Pikenink.

GUIDO : (Jidħol ma Carlo u xi wħud mill-koristi.) Sur Detective! Il-famuż attur instab!

CARLO : Jinsab hemm barra ma ibnu!

PIKENINK : Silenzju, sinjuri! Dak il-bniedem ma hux attur iżda dak il-bniedem huwa misterju!

L-OĦRAJN : Huwa misterju?!

PIKENINK : Iva, żommuh taħt għajnejkom, indukrawh, għassulu, imxu fuq il-passi tiegħu! Aħna n i n s a b u quddiem bniedem misterju!...

GUIDO : Ħallih f'idejna!...

CARLO : Aħna ħżiena biżżejjed u ħadd ma jidħak bina!!

(Pikenink johroġ.)
(Guido, Carlo u dawk il-ftit tal-kor ikantaw il-kanzunetta tal-Ħażen (tal-moħħ).)

Bla ma tkun q'ed taħseb xejn,
Ma tkunx taf x'inhuwa ġej!
Għax imbagħad jgħidulek, "Dan destin!"
Dejjem tfiġġ xi novita'
Illi wieħed ma jkunx ra;
M'għandniex naħsbu aħna ħażin!
Ħbieb ma nħawdu rasna xejn,
Dawn id-dwejjaq kollh'għal fejn?...
Naħsbu għal rasna hemm bżonn!...
Filosofija tinħtieġ
Biex ma tgħix, le, bħat-tiġieġ!
O yes! Jew aqla' bil-pass...
Hemm bżonn li tkun prudenti!
Attent jekk int xi beċċun!
Attent jekk int xi brikkun!
Attent li ma tkunx miġnun!
Attent li ma ddejjaqnix!
Attent, ittallagħhomlix!
Attent li ma tisfid'nix!
O yes, jien moħħi jilħaqli,
Bija ħadd ma jgħaddi ż-żmien!
Inxomm! Nara
Qisni ġurdien!

(Il-kant jieqaf hawn u malli tispiċċa l-musika joħroġ kulħadd.)

## Xena VI.

Masu, Nandini u Pikenink.

MASU : (Jidħol.) Ejja, ibni qalbi! Għalfejn qiegħed tibki? Ma tarax li jien qiegħed hawn?...Ejja ma ġenbi!...

NANDINI : (Jidħol jixxotta għajnejh.) O! Pa!... Jiena bżajt ħafna li ma nerġax insibek!

MASU : Ibni qalbi, Nandini, kieku taf x'rogħda qabditni meta kont moħbi hemm ġew!...
(Pikenink jidħol u jżomm ruħu moħbi.)

NANDINI : Pa, imma issa sejrin id-dar, hux veru?

MASU : Immorru, immorru, xejn la tiddubita, imma ma nistax niġi liebes hekk għaliex żgur jissuttawni bil-patata!...

PIKENINK : (Waħdu) Irid jaħrab! Dan huwa żgur misterju!

MASU : Taf x'naghmlu! Inti mur stennieni hemm barra fejn Ġeppinu u jien nidhol sa hemm ġew, inbiddel u niġi.

NANDINI : Pa, terġax tisparixxi ruhek bhal qabel!

MASU : Xejn la tahseb, ibni! Dalwaqt tarani hawn!..

PIKENINK : (Wahdu bil-mod) Jinhtieġ li nikxfulu l-maskra!...
(Nandini johroġ.)

MASU : Eppure, bil-kemm ma jiddispjaċinix li sejjer inhalli dan il-ġid kollu warajja. Kont b d e j t biex norbot qalbi ma l-arti tat-talkies, naghmilha ta' attur...

PIKENINK : (Wahdu) Hawnhekk tinhtieġ id-daqqa ta' l-imghallem! Attent, Pikenink!...

MASU : Eh! Milli qieghed naha hawnhekk h a w n il-periklu! Ahjar immewġu 'l barra!... (Ikun ser johroġ.)

PIKENINK : (Wahdu) Dan ghalija qieghed jghid!..(B'lehen gholi) Ej!

MASU : (Maqtugh) O!!!

PIKENINK : (Wahdu) Ma qatgha! Dan huwa misterju!(Qawwi) Int inhsadt?!

MASU : Da'żgur li nhsadt! Ghajta bhal dik kif trid li ma tahsadnix? Sinjur, ara li ma rridx ċajt bhal dan!...

PIKENINK : Int m'intix tajjeb ghal attur taċ-ċinema!

MASU : Issa ghadek tinduna?

PIKENINK : Nares ċass lejn ghajnejja!

MASU : (Bilmod wahdu) Dan q'ed jiġġennen!

PIKENINK : (Wahdu wkoll) Qieghed narah jithawwad! Misterju!... (Qawwi) Ghidtlek hares lejn ghajnejja!

MASU : (Wahdu) Mamma tieghi!...

PIKENINK : (Wahdu) Qieghed jirtoghod! Ġewwa x-xileb!... (Qawwi) Int wiehed mill-kumpanija tal-bandisti?

MASU : Da'żgur li jien...

PIKENINK : Qieghed tistqarr b'ilsienek stess?

MASU : X'deni naghmel billi kont indoqq il-katuba fil-banda?

PIKENINK : Le, le, iddawwarx id-diskors!... Bandista jiġifieri wieħed mill-ħallelin!

MASU : Ħalliel jiena?! (Jagħti s-salt biex jiskappa)

PIKENINK : (Jiffirmah bir-revolver.) Erfa' jdejk!!

MASU : Dan miġnun! Ajjut!!... Ajjut!!...

PIKENINK : Ieqaf jew nispara! (Jipprova jispara iżda r-revolver ma jieħux.)

MASU : Ajjut!!... Ajjut!!... (Jaħrab mill-ġenb.)

PIKENINK : Saħta għar-revolvers! Insejt nikkargah!... Ma ġara xejn! (Joħroġ suffara u jsaffar.)

Xena VII.

President, Direttur, Pikenink, Reġista, Nandini, u wara Masu.

DIRETTUR : (Jidħol mal-Presdient, Reġista u Nandini.) X' ġara?

PIKENINK : Sinjuri, jiena qbadt il-ħalliel!

REĠISTA : Il-ħalliel?!!

PRESIDENT : Yes, 'mma!...

DIRETTUR : Fejn hu? Fejn hu?

PIKENINK : Ħarab u mar jinħeba hemm ġew!

DIRETTUR : (Imur minn fejn kien ħareġ Masu.) Oħroġ minn dik il-moħba u ejja 'l hawn!

ILKOLL : (Imorru fl-istess post.) Oħroġ malajr minn hemm u ddumx!

MASU : (Joħroġ mill-moħba tiegħu nofsu liebes u bil-ġlekk mitni fuq driegħu.) Ġennintuni! Werwirtuni u sejrin toqtluni!!

PIKENINK : Iskot kwiet! (Idur fuq l-oħrajn.) Sinjuri!... Hekku l-ħalliel!

ILKOLL : Hu?!!

NANDINI : Missieri ħalliel?!!!

MASU : Tistgħu tgħiduli x'għamilt biex issejħuli ħalliel?

PIKENINK : Inti huwa wiehed mill-banditi, membru tal-kumpanija tal-briganti!...

MASU : Jiena fil-kumpanija tal-briganti? Ghas-sodisfazzjon taghkom jiena fir-rahal tieghi hadt l-ewwel premju ghal-onesta' tieghi!

DIRETTUR : Imma allura?

MASU : Allura taf kif naghmlu! Jiena nilbes il-glekk u nitlaq lejn dari! Arrivederci! (X'hin i k u n qieghed jilbes il-glekk taqaghlu kaxxa tal-landa.)

PIKENINK : Il-bomba!!!

ILKOLL : Il-bomba! Il-bomba! (Jinhasdu.)

DIRETTUR : (Lil Pikenink) Aqbadha u ixhetha 'l barra!!!

PIKENINK : Mela jien qieghed niġġennen!.... Kapaċi niġġieled ma l-aqwa brigant meta ma jkollox l-armi fuqu, imma mal-bombi ma rridx ċajt!...

DIRETTUR : Stennew ftit! (Isejjah) Remo! Remo!!...

## Xena VIII.

Remo u ta' qabel kollha.

REMO : (Jidhol.) X'hemm mill-gdid?

DIRETTUR : Mur igri fuq it-telephone, ċempel lill-pulizija u ghidilhom jiġu u jġibu maghhom suldati, esperti u pompjieri ghaliex hawn bomba!

REMO : Fejn hi din il-bomba?

DIRETTUR : Hemm fl-art!...

REMO : Ah! Dik? (Imur jiġbor il-kaxxa tal-landa.)

REĠISTA : Ieqaf hemm! Kaspitina! Mela trid ittajjarna b'kull ma hawn b'kollox! Dik hija bimba....... brimba.... bumba ttimejata!

MASU : Sinjuri, ma niċċajtawx!

PRESIDENT : (Lil Remo) Qatt ma kont nobsor li ghandek dik il-hila kollha!

REMO : Din m'hix bomba! (Jiftah il-kaxxa.)

ILKOLL : Dik m'hix hlief kaxxetta tal-landa!!

REMO : Iva! Il-kaxxetta li fiha rfajt id-dramm tiegħi! (Joħroġ il-manuskritt.)

ĦAKOLL : Dramm?!

MASU : Imma dik il-kaxxetta kienet fil-but tiegħi!

REMO : Mela! Issa qiegħed niftakar li kont deffistu ġo xi ġlekk u ma stajtx insibu!...

PRESIDENT : O yes, bomba! Dramma!

REĠISTA : Il-bombla saret dramma!

PRESIDENT : (Lil Masu)Fisser ruħek x'ikun dan?!

MASU : Din, sinjur, hija froġa minn dawk li tħawwadli l-mara tiegħi!

PRESIDENT : (Lil Masu)Nista' nkun naf sewwa min int?

MASU : Jiena jisimni Masu l-Werżieq!

PRESIDENT : Kif! Inti m'intix il-famuż attur Żvizzeru, Max Miller?

MASU : U x'Max? U x'Miller!... Jiena jisimni Masu l-Werżieq u naħdem il-biedja!

PRESIDENT : Inti bidwi?! (Lid-Direttur) Inti dħakt bija ...! O yes! Agħtuni l-flus lura!...

DIRETTUR : 'Mma!...

PRESIDENT : Tuni l-flus lura malajr! (Lir-Reġista) U int ukoll ja Reġista ta' l-ippopotami! Tuni l-flus lura u kulħadd 'il barra!

REĠISTA : 'Mma!... Kaspitina! Jiena nħossni naqa' minn fuq il-bajd... min fuq il-bejt!...

PRESIDENT : O yes! Barra! Barra! Kulħadd 'il barra!

MASU : Barra, barra u ma jridunix iħalluni mmur!

DIRETTU : Sur President, issa nispjegalek kollox! Dan il-bidwi.......

<u>Xena ta' l-aħħar.</u>

Carlo, il-kor u ta' qabel.

CARLO : (Jidħol b'telegramm f'idu.) Telegrafu! Telegrafu! (Inewwel it-telegramm lil President.)

(Il-President jaqra t-telegramm, jaqa' fuq siġġu u jnewwel it-telegramm lid-Direttur.)
(Id-Direttur jagħmel l-istess iżda jnewwel it-telegramm lir-Reġista.)
Ir-Reġista wkoll jagħmel l-istess u jnewwel it-telegramm lil Remo.)

REMO : (Jaqra.) "Extra Film Company" tiddikjara falliment, għalhekk tillicenzja lill-impjegati kollha!" (Jaqa' bil-qegħda fuq siġġu.)

MASU : Aħjar immur insib il-ħmar tiegħi!...

PIKENINK : (Jieħu t-telegramm f'idu.) Isimgħu, Isimgħu! "Aħbar sensazzjonali! L-"Extra Film Company" iċċedi l-proprjeta' tagħha lis-"Cinestar Corporation" li lesta biex tilqa' kull impjegat li kien fl-"Extra Film Company"."

DIRETTUR : Bravu! Jiena sejjer ġirja nimpjega ruħi mas-"Cinestar Corporation"!...

REĠISTA : Jien ukoll, mas-"Cimesfar"....

DIRETTUR : U inti, Remo?

REMO : Jien imxabba' sa mnieħri miċ-ċinema!...

NANDINI : Bravu Remo! Għaliex ma tiġix magħna?

REMO : Għaliex le! Għandkom xi post għalija?

MASU : Sewwa! Għandi ħija jbiegħ l-aringi u għandu bżonn ta' wieħed bħalek!...

REMO : Tajjeb ħafna!... Id-dramm tiegħi?

MASU : Inkebbu fih l-aringi!

REĠISTA : Monument!... Eh, mument! U flus għall-vjaġġ, kif sejrin nagħmlu? Jiena m'għandi xejn!

DIRETTUR : Għandna ċ-cheque li tana l-President!

PRESIDENT: O yes! Ġaladarba l-kumpanija falliet dawk iċ-cheques ma jgħoddux aktar.

DIRETTUR : Prosit għalina!

MASU : Fhimtha d-daqqa! Kulħadd jibqa' b'xiber imnieħer! (Lid-Direttur) Ha l-flus li tajtni!% (Jagħtih iċ-cheques.) Madankollu jiena ma għamilt xejn biex qlajthom, mhux tassew, ibni Nandini?

NANDINI : Hekk hu, pa!

MASU : Għalik jiddispjaċini, ibni, għaliex wegħedtek illi nagħmillek libsa ġdida!...

NANDINI : Togghod tahseb xejn, pa! Basta li sejrin iddar b'wiċċ il-ġid biex nara 'l ommi u 'l-harufa li qeghdha tistennieni!

MASU : Imma jiena naghmillek libsa, ibni, u t k u n libsa tal-bellus ahdar biex tiftakar fir-raba' jmewweġ bil-hdura!...

DIRETTUR : U jien jahasra li kont ikkomponejt il-kanzunetta tat-tuffieha!...

REĠISTA : Tibżax! Dik issa ġalabarda... ġaladarba ma kinitx ix-xorti naraw il-Kewkba taċ-Ċinema jahdem il-film "The Story of William Tell" dik il-kalzetta... il-kanzunetta inkantawha fil-vjaġġ ahna u sejrin lejn California.

(Ikantaw ir-Ripresa tal-kanzunetta tat-tuffieha)

MASU : Fuq rasek tuffieha ghandek!
ILKOLL : Ara ma tmurx iddur!...
MASU : Stenna l-lanċja ġejja
ILKOLL : Minn id il-kaċċatur!

MASU : Stenna l-lanċja ġejja
ILKOLL : Minn id il-kaċċatur!
MASU : Jekk jirnexxili nolqotha
ILKOLL : Inti tiġi mehlus!

MASU : Ej! Attent ghat-tuffieha, William!
Ghat-tuffieha, William, ghat-tuffieha, William!
Ej! Attent ghat-tuffieha, William!
Attent, o William Tell!

ILKOLL : Ej! Attent ghat-tuffieha, William!
Ghat-tuffieha, William, ghat-tuffieha, William!
Ej! Attent ghat-tuffieha, William!
Attent, o William Tell!

(Il-kant jieqaf hawn.)

(IL-PURTIERA TINGHALAQ BIL-MOD.)

TMIEM TAL-KUMMIDJA